# Mis-Sillabu

RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 1 Numru 1

ĦITAN: IL-ĠENESI TAD-DRAMM
LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR
INTERVISTA MA' LINO SPITERI
RAPPORT TA' L-EŻAMINATURI
KRITIKA LETTERARJA

TAQSIMA GĦALL-GĦARBI

peg Publications

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25ċ

# Mis-Sillabu

**Volum 1 Ħarġa 1**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq il-Ġdida fi Triq Mountbatten,
Il-Ħamrun, Malta.

© 1984 P.E.G. Ltd.
© Dritt Letterarju tal-kittieba

Il-jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew iehor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.

Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi

**Bord Editorjali**
Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Abdu al-Aziz al-Areibi

*Il-Kittieba*

Mario Azzopardi
Joseph M. Brincat
Charles Casha
George Dublesin
Francis Ebejer
Oliver Friggieri
Ġorġ Mifsud
Manwel Mifsud
Lino Spiteri
Salvu Seisun

**X'FIH**

**Ħitan: Il-Ġenesi** *Francis Ebejer* 1
**Il-Perspettiva Storika – Kulturali tal-Poeżija bil-Malti** (1) *Joseph M. Brincat* 3
**Noti dwar Movimenti Letterarji fl-Ewropa** (1) **Ir-Romanticiżmu** *Mario Azzopardi* 7
**Intervista: Lino Spiteri, Awtur ta' Anatomija** 9
**Nintervistaw lil Dr. Oliver Friggieri** 11
**Ġużè Ellul Mercer – Kuxjenza u Intellett** *Mario Azzopardi* 12
**Ġużè Ellul Mercer – L-Irtir ta' Leli** *Charles Casha* 12
**Semantika** (1) **– ir-Rabta bejn Kelma u Sens** *George Doublesin* 18
**Żewġ Rapporti ta' l-Eżaminaturi: Sessjoni Novembru/Diċembru, 1982 – Ir-Rapport fuq il-Livell Ordinarju** *Ġorġ Mifsud* 20
**Ir-Rapport fuq il-Livell Avvanzat** *Salvu Seisun* 21
**Kritika Letterarja: Livell Ordinarju "Il-Mewt taż-Żgħażagħ" ta' Marcell Mizzi** *Manwel Mifsud* 21
تمارين القراءة (١) جورج مفصود 1
**Profili** (1): **Ġużè Delia, S.J.** *Ġorġ Mifsud* Kopertina

## L-EDITORJAL

Il-bżonn ta' din ir-rivista għall-istudenti tal-Matrikola ilu jinħass ġmielu, imma l-aktar mill-aħħar tas-sebgħinjiet bil-bidla mill-qiegħ li kien hemm għall-aħjar fis-sillabi tal-Malti u ta' l-Għarbi.

Jekk għas-suġġetti l-oħra hemm kull xorta ta' għajnuna għal qabel l-eżami, għall-Malti u għall-Għarbi għadna sa llum kważi b'xejn. Din ir-rivista mhix se tkun flok il-kotba, imma ta' għajnuna biss; *il-kontributuri kollha jippretendu li tkunu qrajtu l-kotba li hemm fis-sillabu.*

Ersaqt fuq bosta biex jidħlu miegħi bis serjetà għal din ir rivista. Imma kien Mario Azzopardi, poeta modern stabbilit u għalliem tal-Letteratura fis-Sitt Klassi li fir-rebbiegħa li għaddiet issuġġerixxa lid-Diretturi tal-Kumpanija P.E.G. l-istess ħsieb tiegħi li kien ilu jberren f'moħħi s-snin. B'hekk iltqajna kemm-il darba u fl-aħħar wasalna bl-akbar entużjażmu.

Il-ħsieb tagħna li nolqtu lil dawk l-istudenti kollha li se jagħmlu l-eżami tal-Malti u ta' l-Għarbi fis-sessjonijiet ta' Novembru u ta' Mejju. Għalhekk, għandha tgħodd ukoll għall-istudenti tat-Tielet Klassi li minn issa jaqblilhom jaħsbu għall-eżamijiet tas-sena d-dieħla. Għandha tgħodd ukoll għall-istudjużi u għad-dilettanti kollha tal-Malti li jħobbu jġemmgħu l-pubblikazzjonijiet *Melitensia*.

Ir-rivista semmejnieha *Mis-Sillabu* biex kemm jista' jkun il-qarrejja jsibu materjal immedjat u ta' livell għall-eżamijiet tal-Matrikola Ordinarja u Avvanzata tal-Malti u għall-i*School Leaving Certificate* ta' l-Għarbi. L-għadd ta' l-istudenti li jeħlu fiż-żewġ livelli huwa kbir wisq u kien li seddaqna aktar fil-ħsieb tagħna.

Nissuġġerulkom li r-rivista taqrawha kollha għax fiha ssibu l-aħjar kontribuzzjonijiet għall-eżamijiet tagħkom. M'għandniex xi ngħidu, nistennew bil-qalb il-kummenti u l-kritika f'waqtha tagħkom. Nitolbukom tibagħtu l-ittri tagħkom lil

L-Editur, Mis-Sillabu,
Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
P.E.G. Building,
Triq il-Ġdida fi Triq Mountbatten,
Il-Ħamrun.

F'din l-ewwel Ħarġa għandna studju fuq il-Lingwistika, sewwa sew fuq is-Semantika, ta' Ġorġ Dublesin, l-ewwel artiklu minn sensiela ta' tlieta ta' Francis Ebejer fuq id-dramm tiegħu *Ħitan* u l-ewwel taqsima mill-ħarsa li Joseph M. Brincat jagħti lejn l-istorja tal-Poeżija Maltija mill-bidu nett sa llum – b'hekk ngħinukom biex tagħrfu aħjar l-Istorja ta' Lsienna, ħaġa li jgergru minnha sikwit l-eżaminaturi.

Ma' dawn kollha jorbtu l-ewwel artiklu ta' Mario Azzopardi fuq il-Movimenti Letterarji fl-Ewropa, din id-darba fuq ir-Romanticiżmu, u l-intervista li għamilna lil Oliver Friggieri fuq il-Poeżija Maltija tas-Sittinijiet u l-Poeżija Maltija ta' llum fl-isfond tal-Mediterran.

Għall-Kritika Letterarja, l-aktar taqsima batuta fiż-żewġ livelli, se nibdew billi nagħtu tweġiba mudell tal-poeżija "Il-Mewt taż-Żgħażagħ" ta' Marċell Mizzi u li m'ilhiex ħarġet fil-Livell Ordinarju; Manwel Mifsud iwieġeb il-mistoqsijiet li ħarġu fuqha.

Għal dik li hi proża, barra l-kummenti ta' Ebejer fuq *Ħitan*, għandna l-ewwel taqsima ta' l-intervista li żewġ studenti bħalkom għamlu lil Lino Spiteri, l-awtur ta' *Anatomija*. Mario Azzopardi u Charles Casha jħarsu lejn ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer.Fl-aħħar, imbagħad, Salvu Seisun u jien nisiltu xi kummenti mill-aħħar Rapporti ppubblikati mill-Eżaminaturi tal-Matrikola tal-Malti.

Għall-Għarbi ħsibna wkoll: l-ewwel se nibdew b'taħriġ fil-qari (p.22–24).



**It-tfajla Lhudija Bernice** (Bil-korteżija ta' Francis Ebejer)

# ĦITAN: IL-ĠENESI

**FRANCIS EBEJER[1]**

KIENET għodwa fix-xahar ta' Settembru ta' l-1961 u l-vapur tal-passiġġieri, *SS. United States* kien għadu kemm qabad ir-rotta għal ġo l-Oċean Atlantiku, kull mewġa mogħla muntanja.

Jien kont wieħed minn dawk il-ftit tal-Cabin Class li konna għadna fuq saqajna: jien la darba nkun imbarkat fuq xi biċċa, il-baħar ma tani qatt fastidju (iżda mur għidli ngħum għal xi tul tal-ħin fejn ma jilħaqlix!) Bastiment kbir, sod u lussuż, fi triqtu minn Southampton, l-Ingilterra, għal New York li kont se nżur għall-ewwel darba f'ħajti.

Kienu ħallewni nagħżel bejn baħar u ajru, u jien kont għażilt li mmur bil-baħar; għaġla ma kellix, u l-ħajja ta' fuq il-baħar togħġobni. Bilqiegħda fil-Main Lounge, ilkoll kemm aħna mbellhin u wiċċna lellux bil-qawwa tat-tempesta, konna jien u xi sitta oħra, iċċassati nħarsu b'mod li ma narawx is-sfurija tal-mewt fuq wiċċ xulxin, bit-tama li b'hekk l-istonku jibqa' ankrat sew mas-siġġijiet u l-pultruni. Il-passiġġieri l-oħra kienu ilhom li lebbtu lejn il-kabini tagħhom biex hemm jissieltu weħidhom ma' kull xorta ta' tqallib!

F'daqqa waħda, ma' l-iskoss ta' mewġa aktar qawwija mill-oħrajn ta' qabilha, mara żagħżugħa, xagħarha iswed tuta, mibnija sabiħ, bħal tat qabża minn fuq is-siġġu tagħha u, f'ħakka t'għajn, taret dritt għal ġol-ħajt ta' biswitha fejn kien hemm tpinġija *primitif* ta' l-ewwel Puritani Amerikani.

Jien kont minn ta' l-ewwel li lħaqtha, għax minħabba xi regola misterjuża tax-xjenza naturali – jew tal-Providenza (tgħid jiġu minn xulxin dawn it-tnejn?) – id-daqqa ta' ponn ġolf ta' dik il-mewġa fuq ġenb il-vapur m'għamlet l-ebda effett fuq in-naħa ta' fejn kont jien ... Qasma żgħira fuq moħħha, xi ftit demm; baqgħet sturduta għal ftit sekondi biss. Dorna biha kif stajna. Ma dametx ma reġgħet ġiet f'tagħha.

Wara, bdejna nqattgħu ħin sew flimkien, nitkellmu fuq suġġett favurit għat-tnejn – l-Arti. Hi kienet Amerikana fi triqtha lura lejn pajjiżha wara sentejn tistudja l-iskultura f'Pariġi. L-Atlantiku beda jġib ruħu aħjar. Bdejna nieklu fuq l-istess mejda u nippassiġġaw il-gverti flimkien; xi żifna jew tnejn fil-għaxija.

Ma domtx ma bdejt nintebaħ li fil-waqt li kienet tħallini nredden kemm irrid fuq xi aspetti tal-ħajja tiegħi, hi ftit li xejn kienet toħroġ b'xi tagħrif fuq tagħha. Kienet mara tassew intelliġenti, immaġinattiva, u l-istorja ta' l-Arti kienet tafha fuq ponot subgħajha. Biss ħajjitha persunali baqgħet wara purtiera – jew ħajt!

Niftakar li, qisni biex niskużalha dan in-nuqqas ta' reċiproku, bdejt inwaħħal fil-fatt li jien bniedem Mediterranju, u għalhekk paċpaċi, waqt li hi kienet kreatura mrobbija f'ambjent Anglo-Sassonu ... x'tistenna!

Qaltli: "Xi darba ngħidlek għala." "Meta?" "Dak in-nhar stess li naslu New York." Li aktar kebbsitli l-kurżità.

Dħalna New York fis-sigħat bikrin u jien għall-ħabta tad-disgħa mort għall-kolazzjon, ħerqan li nerġa' naraha ħalli forsi ssolvihuli l-misteru.

Ma kenitx hemm. Saqsejt lil wieħed mill-iStewards jekk kienx raha. Qalli li s-sinjurina kienet minn ta' l-ewwel nett għall-kolazzjon dak in-nhar, u wara li kienet stejqret, niżlet minnufih l-art bil-valiġġi tagħha għal ġod-Dwana.

"Biss qaltli biex ngħidlek li ħallietlek nota taħt il-platt."

Erfajt il-platt u taħtu sibt in-nota, mehmuża ma' ritratt tagħha stess. In-nota kien fiha hekk: *"I'm Jewish."*

Ma ridtx nemminhom lil għajnejja. Dak il-misteru kollu? B'daqshekk? Dak il-ħin ħadt xi ftit għalija: mela kemm ħasbitni razzista? Ippruvajt niftakar (il-kolazzjon ma messejtux) jekk fit-tpaċpiċ tiegħi kenitx żelqitli xi kelma li f'għajnejha setgħet ittimbratni bħala xi anti-Semitiku jew x'naf jien. Kultant kien igħaddili l-ħsieb minn rasi li d-dehra tagħha kienet tixhed dixxendenza aktarx Lhudija, jew Għarbija, jew Griega, imma dak kien ikun ħsieb ta' mument biss. Dawn l-affarijiet dak iż-żmien anqas biss ma konna noħolmu bihom, aħseb u ara kemm konna nħabblu rasna fuq razza u mhux razza; il-bnedmin mhux kollha xorta? Kemm sfaw ħwejjeġ fid-dinja dwar dan minn dak in-nhar, u kemm inbidlu l-ideat, u kemm oħrajn ġodda tfaċċaw!

Bdejt naħseb: Għalhekk dik il-ħafna segretezza meta konna nibdew biex nersqu wisq lejn il-ħajja privata tagħna t-tnejn? Bdejt niftakar iżjed. Xi esperjenzi li kellha f'Pariġi ... kienet tagħti kull ħjiel li ser tibda biex tirrakkontahomli, imbagħad f'daqqa waħda tieqaf u terġa' għal ġewwa qoxritha, bħal waħda mgerrxa sew minn xi tifkira.

"Ħbieb?" darba saqsejtha. "Xi ftit ... Iżda wara l-ewwel laqgħa, kont inħosshom jinġibdu minni." "Taf għaliex?" Tħarrika ta' spallejha u ħarsa tqila lejn l-Atlantiku. Sostnejt: "Kienu japprezzawhielek xejn l-iskultura li kont tagħmel?" "Daqqa iva, u daqqa le. Illum iva, għada le." "Imma għala?" (Kemm hu kurjuż il-Malti!) Tixjira oħra ta' spallejha u minnufih taqleb id-diskors billi ssaqsini xi ħaġa fuqi nnifsi ...

X'igħid il-Malti? Kelb mismut ...

Dak in-nhar, fil-port ta' New York, bl-iSteward iċanfarni għax ma ridt nieħu xejn ħlief kafè, għajnejja sa fl-aħħar infetħu għas-sens ta' persekuzzjoni, ta' paranoja, li kien jaħkimha. Qatt ma rajtha aktar b'għajnejja, u kien jisimha Bernice.

**•ikompli**

B'danakollu, dan huwa analiżi li ġie wara u mhux qabel ma bdejt nikteb id-dramm, jew waqt li kont qiegħed niktbu. L-għajn li minnha jixrob il-kittieb kreattiv tinsab fis-subkonxju tiegħu li mingħajr ma hu stess ikun jaf ikun qiegħed jaħżinlu u jsaqqilu ż-żrieragħ tal-kunċetti u ta' l-impressjonijiet.

Mill-ingredjenti kollha li semmejt wieħed biss kien fiż-żgur fil-wiċċ tal-konxju tiegħi – l-istorja tal-kampijiet Nażisti tal-konċentrament. Imma kif deher wara, ma ridtx sempliċement nirrakkonta storja li issa ilha ż-żmien tintqal u tittenna ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, imma wkoll xtaqt nagħti tifsira universali, kif ukoll persunali, lilhinn minn razez u traġedji speċifiċi, u mill-ideoloġiji, dwar x'jista' jiġri meta nħallu ħitan jifirduna wisq wieħed mill-ieħor.

Bħal dawk il-ħitan, ngħidu aħna, li bihom in-Nannu dawwar il-familja tiegħu u baqa' biex sakkarha (difinha) ġo fihom – il-ħajjin-mejtin, ironikament tip ieħor ta' kamp tal-konċentrament. Ħitan li mingħalih kienu jżommu l-għadu, kemm ta' darba u kemm t'issa, 'il bogħod – u dan meta l-aqwa għadu tiegħu kien hu stess! Iktar minn hekk, ħitan li ma jħallux l-idea ta' mħabba, mogħdrija u maħfra tidħol biex ittaffilu xi ftit mill-fakra li hu tant kien igħożż ta' għaks, ta' swat, ta' kefrija, u ta' mibegħda. Jiġifieri, ħitan tad-dlam, qegħdin hemm apposta biex jagħmlu d-dlam, u mhux biex ikennuk mill-irwiefen jew iwennsuk minn xemx qawwija wisq. Jiġifieri, il-ħitan ta' Ahriman, l-ispirtu tad-dlamijiet.

L-idea ta' ħitan twessgħet u tkattret aktar f'moħħi bis-saħħa ta' l-istess ħitan li aħna l-Maltin u Għawdxin ilna ngħixu minn qaddisna fihom, fosthom u mad-warhom . . .

Blat samm . . . ġebel ta' xeħta pitto-reska, iżda wkoll li jagħtu xhieda ta' qawwa, fertilità, diżintegrazzjoni u antikità fl-istess waqt. Blat u ġebel, forsi ħafna aktar antik mill-istess storja tal-Lhud. Il-ħitan ħoxnin tad-djar, tal-palazzi u tas-swar; il-ħitan tas-sejjieħ iserbtu 'l hawn u 'l hinn, jinżlu u jitilgħu, igħoddsu u jitkebbu u jinbarmu ma' għeruq Malta stess. Ħitan li jħalluk bl-illużjoni ottika li jekk kieku taqbadhom ilkoll u tagħmilhom serbut wieħed, għandhom iwassluk ħafna 'l hinn mil limiti ġeografiċi tagħna u jispiċċaw biex igħaqqduk ma' pajjiżi akbar, ħalli b'hekk, sa fl-aħħar, jinqerdu darba għal dejjem l-idea u s-sens, kultant sovversivi, ta' l-insularità.

X'ħabta għandha l-immaġinazzjoni timraħlek, hekk malli taqbad ir-rotta ta' dan il-baħar antik, il-Mediterran, u lil hinn minnu! Il-bogħod fiżiku ta' ħajt wara l-ieħor . . . u l-bogħod ta' l-istorja tagħna: il-fatti u l-leġġendi.



**Il-ħitan tal-priġunerija**

Fid-dramm tiegħi, dawn il-ħitan ifiġġu wieħed wara l-ieħor qishom ħerġin miċ-ċpar. Jaqsmu, jifirdu, jagħżlu, ibejnu . . . imma, ma ninsewx, igħaqqdu wkoll.

M'hemmx qabża kbira wisq mill-idea tal-ħitan veri għall-ħitan emozzjonali. Fid-dramm, dawn il-ħitan metaforiċi jifirdu bniedem minn ieħor daqs l-ogħla u l-eħxen ħitan fiżiċi: l-ewwelnett, din il-familja min-nies ta' barra; imbagħad ukoll il-membri ta' din l-istess familja minn xulxin. Imma, għax huma ħitan, kultant igħaqqdu wkoll bħall-fatt li ġa hemm l-għaqda, dgħajfa kemm hi dgħajfa għall-bidu, bejn l-emozzjonijiet pożittivi ta' Ester u dawk tal-barrani, Albert.

Minn ġol-qalba nett tal-familja tan-Nannu, Ester tħobb lil Albert li mhux Lhudi; Richard igħid li ma jħobb lil ħadd ħlief lil Nannuh; Rakele tħobbhom ilkoll, inkluż missierha, ukoll meta tiddeċidi li l-verità l-aqwa, għax imħabba mingħajr il-verità hija gidba. In-Nannu jgħid li jħobbhom – iżda jidher ċar mill-ewwel li mhux daqs it-tifkiriet tiegħu. Jisħaq kemm jisħaq fuq kemm kien iħobb lil martu, vittma tan-Nażi, id-dramm jikxef lejn tmiemu kemm tassew dan kien jew ma kienx minnu!

Barra minn hekk, il-ħitan ta' bejn dawn it-tipi ta' mħabba jkomplu jingħażlu wieħed wara l-ieħor: bejn dawk li jorbtu u jgħaqqdu fl-imħabba, u dawk li jifirdu u jżebilħu l-imħabba meta din ma tkun tfisser xejn ħlief kundiz-zjonament ta' l-imħuħ, it-tirannija ta' moħħ fuq ieħor.

Għan-Nannu, in-Nażi kienu jfissru "Satana modern". Qisu ma riedx jiftaħ għajnejh għall-fatt li meta huwa ma riedx jinsa, jagħder u jaħfer, kien litteralment qiegħed ikattarlu u jseddaqlu s-saltna tiegħu lill-istess Satana; iktar u iktar bil-kundizzjonament kiefer ta' mħuħ dawk il-kreaturi stess (Ester, Richard, Rakele) li suppost kellhom ikunu għeżież għalih.

Ġebla ma' ġebla, il-ħitan emozzjonali jitħabblu mal-ħitan psikoloġiċi. Hemm il-ħitan newrotiċi u paranojċi li n-Nannu jistaħba fosthom; juża r-ritwal, mhux biex dan jeżorċizza dak li hu mwiegħer u jfejjaq, imma biex ikabbar aktar il-ferita, frott il-mibegħda, f'qalb niesu stess. Fil-moħħ ikkundizzjonat ta' Richard, ġa kien tiela' ħajt ieħor, ħajt li kien tassew ikexkxu lin-Nannu li kieku ntebah bih: u din kienet l-ammirazzjoni sigrieta u moqżieża ta' Richard lejn l-istess persekuturi ta' razztu, in-Nażi tal-kampijiet. Dan żgur li ħajt bil-wisq aktar sovversiv u ddeġenerat minn dak il-ħajt li kien qiegħed ifixkel l-imħabba ta' bejn Ester u Albert. Hemm ukoll il-ħajt psikoloġiku ta' skiet li wara bosta u bosta snin Rakele staħbiet warajh, u dan meta kienet taf il-verità kollha dwar missierha u ommha meta hi kienet magħhom fil-kamp: ħajt ta' gideb li warajh hi ħbiet il-verità, għallinqas sa ftit qabel tmiem id-dramm meta l-ħitan bdew jixxaqqu sa fl-aħħar, u daħal raġġ ta' xemx (Ormudz, l-ispirtu tad-dawl jegħleb lil Ahriman) li ħarrkilha u qajmilha f'dehenha dik ix-xewqa tremenda li tgħid u tikxef il-verità, xejn ħlief il-verità, iebsa kemm hi iebsa dil-ħaġa.

Iżda l-aqwa ħitan, ħitan li jiġbru lill-oħrajn kollha f'tifsira ġenerika, huma dawk tal-preġudizzji.

Preġudizzji: x'firda u għajb iwettqu dawn qalb il-ġnus; qalb il-membri ta' l-istess familja jew ġens jew soċjetà; bejn razza u oħra; bejn nies ta' kulur wieħed u oħrajn ta' kulur ieħor; bejn min jiflaħ u min le. U kemm spiss dawn il-preġudizzji jinħbew taħt il-mantar ta' l-hekk imsejħa mħabba. Hawn, wieħed jista' jirreferi għan-Nannu, li għalih l-imħabba tfisser mibegħda għal kull min mhux Lhudi. Preġudizzji f'isem ir-reliġjon, bħal meta Richard igħid, Kristu, iva, imma "aħna aktar mill-qedem tal-qedem tagħkom" u għalhekk iħossu xi ħaġa superjuri. F'isem il-politika, fejn hemm il-persekutur u l-vittma, iżda l-agħar meta l-vittma stess isir persekutur, bħalma xehed għemil in-Nannu ma' Albert. U fuq kollox, dawk il-preġudizzji li jġiegħlu bniedem jistħajjel lilu nnifsu ġust u sewwa u dawk 'il barra minnu "nies ħżiena" li ħaqqhom kull kastig.

•ikompli f'paġna 19

# IL-PERSPETTIVA STORIKO-KULTURALI TAL-POEŻIJA BIL-MALTI (1)

JOSEPH M. BRINCAT

IL-KITBA LETTERARJA BIL-MALTI ma bdietx tieħu xejra regolari u serja ħlief ftit qabel nofs is-seklu dsatax. Il-fatt li ġiet hekk tard jista' jiġi spjegat (issa li m'hemmx għalfejn ninsistu fuq interpretazzjonijiet nazzjonalistiċi, peress li l-Malti mhux biss m'għadux disprezzat iżda qed igawdi vitalità liema bħalha, u għandu l-istima ta' kulħadd)[1] bħala riżultat ta' dik il-firda bejn lingwa letterarja u l-ilsien mitkellem, li nsibuha fl-istorja lingwistika ta' l-akbar nazzjonijiet Ewropej[2] u li fi gżira hekk żgħira naturalment tinħass iżjed. Fil-fatt, meta dawk li setgħu jitgħallmu jaqraw u jiktbu kienu ftit wisq, lanqas biss ma kienet tiġihom f'rashom li jitgħallmu lingwa li ma kenitx lingwa tal-kultura. Ir-raġunijiet huma ċari: jekk il-poplu ma kienx jaf jaqra ma setax ikollu l-letteratura tiegħu.

Għalhekk m'hix sorpriża li tara li l-ewwel kitba bil-Malti kellha tiġi wara xogħol iebes fil-kamp lingwistiku ta' Mikiel Anton Vassalli, u li waqt l-ewwel passi tagħha kellha bżonn l-għajnuna ta' grammatika wara l-oħra għall-użu tal-poplu.[3] Daqqa t'għajn lejn dak li kien qed jiġri barra minn Malta dak iż-żmien jurina li l-letteratura Maltija twieldet fil-mument l-aktar f'waqtu: lanqas ma jista' wieħed joħlomha li tinbeda qabel, bħalma att arbitrarju biss kien iwaqqafha wara. Fiż-żmien li qed nitkellmu fuqu kienu ssawru żewġ fatti importantissmi. Mill-banda l-waħda ssib l-interess dejjem akbar fl-ilsna kollha tad-dinja, li pproduċa fl-aħħar snin tas-seklu tmintax xogħlijiet kbar, goffi u diżordinati. Fil-bidu tas-seklu dsatax dan trażżan b'metodi xjentifiċi mill-istudjużi Ġermaniżi ta' l-Iskola tal-Grammatika Komparata.[4] Mill-banda l-oħra, insibu l-eżempju li kien ġej mill-Italja ta' letteratura djalettali ħdejn dik nazzjonali. L-importanza tat-tnejn hija fundamentali għax l-iskola glottoloġika Ġermaniża qalbet, almenu fost l-istudjużi, il-preġudizzju antik kontra l-ilsna minoritarji billi wriet li dawn huma ta' min jistudjahom, waqt li l-poeżija bid-djalett fl-Italja tat lil dawn id-djaletti dak il-prestiġju letterarju li ma kellhomx u tat prova li ż-żewġ fergħat letterarji setgħu jgħixu flimkien. Dan il-fatt fil-gżira tagħna kien mill-aktar interessanti għax hawnhekk il-lingwa tal-kultura tagħna kienet it-Taljan.

Ir-raġuni għaliex kien ġie adottat it-Taljan bħala lingwa tal-amministrazzjoni u tal-kultura qiegħda fir-relazzjonijiet tradizzjonali ta' bejn Malta u Sqallija. Il-pożizzjoni ġeografika tal-gżira ħolqot rabtiet sodi etniċi, politiċi, lingwistiċi, kif ukoll kulturali. L-ewwel nies ta' Malta, fiż-żmien neolitiku, ġew minn Sqallija,[5] u fi żmien ir-Rumani, il-Biżantini u l-Għarab il-gżira kienet dejjem amministrata minn Sqallija. Rigward il-lingwa u l-kultura ftit nafu fuq żmien ir-Rumani u żmien il-Biżantini,[6] imma ta' min iżomm quddiem għajnejh il-fatt li l-Għarab li waqqfu hawn il-lingwa tagħhom kien irnexxielhom jagħmlu l-istess fi Sqallija, u hekk naraw għal darb'oħra li l-lingwa uffiċċjali f'Malta kienet dik li kien hemm Palermo.[7]

Proprju permezz tal-kittieba Għarab li twieldu fil-kolonja Maltija,[8] Malta bdiet tieħu sehem mill-ewwel, għalkemm indirettament, fil-klima tal-kultura Ewropea li kienet qed terġa' titwieled. Abû al-Qasim Ibn Ramadhan al-Malti, Abd Allah ibn Samâti al-Malti, u Utmân Ibn Abd al-Rahman, imlaqqam al-Susi, kienu jiktbu poeżiji fl-ambjent li ġabar madwar il-palazz tiegħu f'Palermo r-re Ruġġieru II (1101 – 1154), fejn kien hemm attività kbira intellettwali li fiha kienu jieħdu sehem Għarab imweldin Sqallija, Biżantini, Ingliżi, Franċiżi u Taljani.[9] Il-Qorti ta' Ruġġieru kienet teżisti seklu qabel dik aktar ċelebri ta' Federiku II, li tat lill-Italja l-ewwel moviment poetiku tagħha, iżda m'għandniex tagħrif fuq jekk kienx hemm Maltin fil-grupp Sqalli ta' żmien Federiku, għalkemm il-kultura tal-gżira baqgħet dejjem polarizzata lejn Palermo.

L-uniku aneddotu li waslilna huwa fuq Jacopo Mostacci li fl-1240 ġie Malta biex jaqbad il-falkuni għall-imperatur. Madankollu bil-fors kien hawn xi interess kulturali fil-gżira għax nafu li l-poeta Provenzali Peire Vidal kiteb tliet poeżiji hawnhekk fl-1204 – 5, meta kien mistieden għand il-Konti ta' Malta, Enrico Pescatore, li kien Ġenoviż.[10]

Matul is-sekli XIV u XV fil-gżira kienu fetħu xi skejjel tal-grammatika, li kienu ġeneralment f'idejn għalliema Taljani, imma maż-żmien minflokhom bdew igħallmu Maltin li kienu studjaw fi Sqallija. Il-lingwa tal-kultura kienet il-Latin u għalhekk il-ftit li nafu fuq poeti Maltin ta' dak iż-żmien huwa fuq tnejn min-nies tal-liġi, Giacomo Bondin, nutar, li kiteb epigrammi Latini, u Pietro de Caxaro, imħallef, "filosfu, poeta u oratur". It-tnejn għexu fit-tieni parti tas-seklu XV u jagħtu prova ta' dak l-interess letterarju, modest imma ħaj, li impressjona lill-Gran Mastru L'Isle Adam meta wasal Malta fl-1530 u ltaqa' ma' numru ta' nies li kienu jifhmu mhux ftit fil-letteratura.[11]

MALTA bdiet tgħix ħajja kulturali tassew meta wasal l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, li biddel għal kollox il-ħajja fil-gżira, ħarigha mill-anonimat politiku u ta lill-kultura tagħha "dik ix-xejra internazzjonali li kellha, għalkemm fil-biċċa l-kbira baqgħet tat-tip Taljan meridjonali, li tikkaratterizza l-esperjenzi letterarji Maltin kollha sas-seklu dsatax". Dan jispjega, skond Franco Lanza, mhux biss kuxjenza kulturali qawwija, imma anki l-possibbiltà li jkunu magħrufa żviluppi kulturali Ewropej li fl-Italja ħadd ma kien għadu ħaseb fihom.[12] Fil-gżira bdew jitwaqqfu istituzzjonijiet ġodda

•ikompli



Fl-1530 L'Isle Adam iltaqa' ma' nies imħarrġin sew fil-letteratura



**Il-Kan. Agius de Soldanis**

importanti: il-*Collegium melitense* għall-istudji ta' livell għoli fl-1593, li ġie fdat f'idejn il-Ġiżwiti sakemm dawn tkeċċew mill-gżira fl-1768; it-Teatru Manoel li fetaħ fl-1732 bil-*Merope* ta' Scipione Maffei; l-Università li twaqqfet fl-1769 mill-Gran Mastru Pinto; u ta' min iżid li sadattant kienu qed jiżdiedu sewwa l-iskejjel parrokkjali.[13] Tant tħabrik ma setax ma jagħtix il-frott tiegħu, u għalhekk numru sabiħ ta' Maltin bdew jiġu msieħba f'akkademji Sqallin u Taljani, waqt li oħrajn kellhom is-sodisfazzjon jaraw ix-xogħol tagħhom rikonoxxut f'diversi fergħat barra minn Malta: biżżejjed insemmu lill-arkeologu Antonio Bosio (1575–1629), lill-istoriku Gian Francesco Abela (1582–1655), lill-kirurgu Michel Angelo Grima (1731–1798), lill-mużiċista Niccolò Isouard (1775–1818), lil-letterat u naturalista Gian Francesco Bonamico (1639–1680), u lill-letterati Carlo Magri, Enrico Magi, il-Konti Ġ.A. Ciantar (1696–1778), Francesco Agius De Soldanis (1712–1770) u Ignazio Saverio Mifsud (imwieled fl-1722).[14]

F'din il-klima beda l-ewwel interess fl-affarijiet Maltin. Ġ.F. Abela kiteb l-ewwel storja ta' Malta u ħa l-ilsien lokali bis-serjetà. Bdew l-ewwel tentattivi biex tinkiteb grammatika tal-Malti minn xi kavallieri bħal Balì De Neveu u De Tournon, waqt li xi kavallieri oħra li xtaqu jitgħallmu l-ilsien lokali ħajru lil De Soldanis jikteb l-ewwel grammatika Maltija li ġiet ippublikata fl-1750. L-istess De Soldanis u I.S. Mifsud ħallewlna l-ewwel xhieda letterarja bil-Malti. De Soldanis ikkopja komponiment ta' erba' kwartini ta' versi ottonari bir-rima msallba (ABBA) fejn G.F. Bonamico ifaħħar lill-Gran Mastru Cottoner għall-ħabta tal-1672, u mbagħad ħalla sunett medjokri li kiteb hu stess (akrostiku, f'versi endekasillabi bir-rima alterna: il-kwartini ABAB u t-terzini CDC DCD) flimkien ma' serje ta' djalogi li jirreġistraw l-ilsien ta' kuljum. I.S. Mifsud ħalla bil-miktub xi prietki li hu għamel bejn l-1739 u l-1746, li juru l-istil oratoriku ta' dak iż-żmien, kif ukoll żewġ kurunelli b'versi ta' tul differenti b'rima mbewsa, li kien kitibhom Dun Franġisk Użżino (li kien l-awtur ta' l-ewwel katekiżmu bil-Malti, fl-1752) u kwartina ta' senari bir-rima alterna li hi bħal ġakulatorja jew att qasir ta' l-indiema.[15]

Ma' dawn l-eżempji qodma dan l-aħħar żdiedet il-*Cantilena* ta' Pietro Caxaro (li miet fl-1485), u li fiha ilment allegoriku ta' għoxrin vers (probabbilment f'verżjoni li mhix korretta għal kollox), x'aktarx oskur imma li mhux nieqes minn espedjenti formali.[16] Kollox ma' kollox, dawn huma xogħlijiet importantissmi mil-lat storiku, għax m'għandniex ħliefhom, imma huma frammentarji jew iżolati wisq, jew inkella ta' skop aktar didattiku milli poetiku.

Il-bċejjeċ li għandhom ċertu valur minnhom infushom, li juru ambizzjoni ta' kwalitajiet espressivi, u li fuq kollox jinkitbu regolarment, bdew jidhru biss fiż-żmien l-aktar f'waqtu, f'nofs is-seklu dsatax. L-iżvilupp tal-istamperiji lokali[17] u l-waqfien ftit jew wisq twil ta' numru kbir ta' Taljani li ħarbu minn pajjiżhom minħabba fl-inkwiet politiku (fosthom letterati ċelebri bħal Gabriele Rossetti, Luigi Settembrini u Francesco De Sanctis) taw sehem ġmielu għall-ferment kulturali tal-gżejjer Maltin. Il-kwartini li kiteb l-antinapoleoniku Vincenzo Caruana meta miet Napuljun, bejn l-1821 u l-1824 (imma li ġew ippubblikati xi għoxrin sena wara) jispikkaw, għalkemm modesti, minħabba fis-suġġett tagħhom ħdejn il-gżuż ta' kurunelli reliġjużi u versi ta' l-okkażjoni, satiriċi jew ċelebrattivi, li kienu qed jinvażaw il-ġurnali ta' dak iż-żmien.

L-EWWEL ĠENERAZZJONI TA' KITTIEBA bil-Malti bdiet toħroġ l-aktar xogħlijiet reliġjużi jew ta' tip divulgattiv. Mikiel Anton Vassalli fassal proġett biex il-Malti jiġi mgħallem lill-poplu kollu u dan ippreżentah fid-"Discorso preliminare" li bih introduċa l-*Lexicon* tiegħu,[18] u barra minn hekk daħal għat-traduzzjoni tal-Bibbja. Richard Taylor (1818–1868) qaleb is-Salmi u l-Kantiċi, il-liturġija tal-Ġimgħa l-Kbira u xogħlijiet oħra moralistiċi; Ludovik Mifsud Tommasi (1795–1879) ittraduċa kant liturġiku bħall-*Pange Lingua, Dies Irae, Veni Creator, Stabat Mater*, ecc. u ħafna kurunelli f'ġieh kull qaddis li kien meqjum fil-gżejjer tagħna. S. Frendo de Mannarino (1845–1918) apparti xogħlijiet moralistiċi fil-proża, kiteb poema epika fuq il-ħajja ta' Tobija (fl-1911). Il-fergħa storika-popolari fetħet b'*Il-Ġifen Tork*, poema ta' Ġan Anton Vassallo (li kiteb ukoll l-istorja ta' Malta, l-ewwel bit-Taljan, fl-1854, u oħra bil-Malti, fl-1862, kif ukoll ġabra ta' ħrejjef u ċajt) u warajh Dwardu Cachia ħareġ il-verżjoni tiegħu ta' ballata antika, *Katrin tal-Imdina*.

Għalkemm l-indirizz ġenerali kien popolareġġanti, ma jonqsux indikazzjonijiet tal-kultura li kull awtur kellu, speċjalment fl-għażla tax-xogħlijiet li nqalbu għall-Malti. Taylor qaleb il-*Via Sacra* ta' P. Metastasio (1839), *Jum il-Ħaqq* ta' Edward Young (1845) u t-XXXIII Kant ta' l-*Infern* ta' Dante Alighieri (1864); Vassallo ħa l-ispirazzjoni minn *Quant'è bella giovinezza* ta' Lorenzo de' Medici (fi *Kliem ix-xiħ*); Frendo de Mannarino kiteb l-*Att tal-Fidi ta' Dante Alighieri*. Ilkoll kitbu wkoll bit-Taljan: Caruana, Mifsud Tommasi u Vassallo kkomponew liriċi, Frendo de Mannarino kiteb drammi fuq l-Eroj u fuq il-Passjoni. Barra minn dan, ta' min josserva li Ġan Anton Vassallo kien professur tat-Taljan l-ewwel fil-Liċeo (1850) u mbagħad fl-Università (1863).[19]

**•ikompli**



LYL MALTI LI ꝊYꝤED JAꝊRA

i. e. *Lectori Melitensi*.

VAra li ynti tɷarryrt dân yl ftĭt fyl ꝗari by lsŷnek, u vara li tytɷarrer ftĭt ŷɷor fdavn yl kelmtejn, nandi nvyſsĭk ꝗabel uȷejn ylli, bŷuȷ ma tynsŷuȷ dâk li tkûn tnallymt, jaꭆtŷrlek ꝗad ma tɷalli yl ꝗari u yl ktĭb, u nalhek koldaꝗꝗa jyſtꭆoꝗꝗlok tɷarrer lĭlek yn-nyfsek bylli taꝗra u tykteb uȷy ꭆâra, jŷk muuȷ koljûm, nallenꝗas darbtejn fyl rym-na. Trâkek ymmela yssa fy zmŷn ꝗasĭr

**M.A. Vassalli: Ktyb yl Klym Malti (Ruma 1796)**



Ġ. Muscat Azzopardi



Mons. Dun Karm Psaila



Patri Anastasju Cuschieri

GĦALHEKK naraw li l-letteratura Maltija tnisslet direttament mil-letteratura Taljana, li minnha kompliet titrabba, għat-teknika u għat-tematika, għal aktar minn mitt sena. Il-bilingwiżmu letterarju kien aċċettat bħala ħaġa naturali, u hekk baqa' karatteristika fondamentali tal-ambjent kolt lokali.[20] Fiż-żmien li kien għadu sajjem mill-polemiċi politiko-lingwistiċi,[21] id-dipendenza kulturali tal-gżira mill-Italja mhux talli ma fixklitx iżda talli ddeterminat l-iżvilupp letterarju tal-ilsien tal-gżira.[22]

Fl-aħħar snin tas-seklu XVIII u fl-ewwel snin tas-seklu XIX bdew jidhru kullimkien fl-Italja poeti djalettali li għollew l-espressjoni fl-ilsien ta' kuljum għal-livell li sa dak iż-żmien kien riservat għal-lingwa nazzjonali. In-nies kolti ta' dak iż-żmien f'pajjiżna ma setgħux ma kinux jafu bis-suċċessi li kien qed ikollu x-xogħol ta' l-Isqalli G. Meli (1740–1815), tal-Milaniż Carlo Porta (1775–1821), tal-Venezjani A. Lamberti u P. Buratti (li t-tnejn mietu fl-1832; biex ma nsemmux lil Goldoni), tat-Toskan G. Giusti (1809–50) u tar-Ruman G.G. Belli (1791–1863). Jekk ir-reġjunijiet Taljani seta' jkollhom poeżija djalettali ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex ma kellux ikun hekk fil-gżejjer tagħna, fejn konna nsibu l-istess relazzjoni bejn il-lingwa letterarja u l-ilsien ta' kuljum. Għalkemm l-influwenza tal-poeżija djalettali Taljana fuq il-poeżija Maltija għad trid issib min jistudjaha, jidhirli li l-isforzi ta' Vassallo u sħabu huma ta' min iħares lejhom f'dan l-isfond. U dan proprju għal żewġ raġunijiet ċari ħafna: min-naħa l-waħda l-għarfien, il-fehma soda ta' programm preċiż, li l-lingwa Maltija tingħatalha l-letteratura li kien għad ma kellhiex, min-naħa l-oħra l-bilingwiżmu kreattiv tal-ewwel kittieba tagħna.[23]

L-ewwel ġenerazzjoni ta' kittieba bil-Malti waqqfet il-pedamenti tal-letteratura Maltija, billi ġew proposti temi rappreżentattivi tal-gosti u tal-ideali tas-soċjetà ta' dak iż-żmien, li kienet tippretendi mingħand il-kittieb funzjoni ta' siwi edukattiv u moralistiku. Il-piż ta' din it-tradizzjoni kellu jibqa' jinħass fil-biċċa l-kbira tal-produzzjoni poetika bil-Malti sal-1960, li kompliet tikteb fuq temi reliġjużi u storiċi (jew patrijottiċi) f'ton x'aktarx sentimentali u kwiet. Madankollu, dan ma jfissirx li qabel waslu għal għarrieda fuq ix-xena lokali l-"irrabjati", is-sitwazzjoni kulturali f'pajjiżna kienet wieqfa għal kollox. Anzi, huwa possibbli li ssegwi ċertu żvilupp minn ġenerazzjoni għall-oħra, proprju minħabba f'dak il-bżonn kurjuż imma li ma tistax tiċħdu li l-poeti dejjem ħassew li jingabru fi gruppi, tendenza li ta' spiss wasslet għall-formazzjoni ta' moviment ġdid.

Fuq din il-bażi, Ġ. Aquilina seta jaqsam erba' gruppi diversi fil-linja tradizzjonali, billi ħa bħala gwida l-kostituzzjoni tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* fl-1920–21. Hu jifred qabel xejn dawk il-kittieba li ġew qabel l-Għaqda mill-membri tagħha, u mbagħad jerġa' jagħmel distinzjoni oħra fil-ġenerazzjoni ta' wara bejn dawk li komplew jaħdmu fi ħdan l-Għaqda u dawk li waqqfu l-*Għaqda tal-Malti (Università)* fl-1931. Ma' dawn l-għaqdiet tradizzjonali żdied il-*Moviment Qawmien Letterarju* li fl-1967 ħareġ bi programm aktar aġġornat. Ta' min isemmi li ż-żewġ għaqdiet antiki għadhom attivi, għalkemm jidher li għandhom aktar għal qalbhom l-għan li jikkoltivaw il-letteratura tradizzjonali milli l-iskop li jtellgħu kittieba ġodda.

Minħabba fil-karattru fil-qofol tiegħu kolt u emulattiv tal-poeżija,[24] id-distinzjonijiet l-aktar qawwija bejn dawn il-gruppi jwassluna għall-fonti li fihom sabu l-ispirazzjoni, jew almenu t-trawwim letterarju tagħhom il-kittieba tagħna. Fis-seklu għoxrin Malta għaddiet minn tiġrib qawwi anki fil-kamp letterarju, u fost it-taqlib profond li ġarrbet l-aktar wieħed trawmatiku kien l-ispostament tal-assi kulturali minn Ruma għal Londra. Malta, billi kienet ilha li nfirdet politikament mill-Italja xi erba' sekli, kienet żviluppat kuxjenza matura tad-dipendenza spiritwali u kulturali tagħha mill-peniżola viċina, imma dejjem żammet id-drittijiet għall-indipendenza politika. L-Ingilterra, li fl-ewwel snin injurat jew apprezzat din il-linja ta' kompromess, bdiet tafda dejjem inqas fir-rabtiet kulturali u spiritwali ta' Malta ma' l-Italja (li f'dak il-perijodu kienet qed titħabat b'entużjażmu għall-unità nazzjonali).

Wara l-1879 (bil-*Keenan Report*), bdiet taħdem iżjed biex iddaħħal il-lingwa u l-kultura Ingliża fil-gżira kontra t-Taljan. Imma l-isforz li taqla' l-lingwa u l-kultura Taljana wara tant sekli ta' attività mhux biss passiva (studju) imma anki kreattiva (kitba) ma kien xejn faċli, u għalhekk il-ġlieda kompliet sejra ħamsin sena, tisħon vjolentement f'perijodi ta' taqlib politiku, bħal fil-miġja faxxista fl-Italja, li l-interess tiegħu (bi skopijiet annessjonistiċi) ma sewa ta' ebda ġid għad-difiża purament kulturali tal-lingwa Taljana f'Malta.[25]

Mill-punt strettament letterarju naraw li "il-kwistjoni tal-lingwa" tat bidu għal proċess evoluttiv li żbokka f'żewġ fażijiet distinti, waħda b'kultura mħallta, Taljana u Ingliża, l-oħra b'kultura kważi għal kollox Ingliża. L-Ingliżi kienu fehmu li l-bidla tat-Taljan bl-Ingliż kienet possibbli biss bil-patt li l-Malti ma jintmissx, anzi dan ġie inkoraġġit (forsi għax kien ġie sottovalutat bħala strument espressiv ħaj; fl-Ingilterra il-*Welsh*, l-Iskoċċiż u l-Irlandiż kienu ilhom li spiċċaw). L-ewwel riżultat li jinteressa lill-istorja tal-letteratura Maltija hu dak li l-kitba bil-lingwa Maltija bdiet dejjem tikber filwaqt li min-naħa l-oħra bdiet tonqos dik bit-Taljan; il-kitba letterarja bl-Ingliż bdiet tielgħa bil-mod, imma mingħajr ma laħqet il-livelli li l-estensjoni tal-użu prattiku kien iġiegħlek tistennieh.

L-influwenza letterarja Taljana hija qawwija fil-kittieba tal-*Għaqda*. Ġużè Muscat-Azzopardi (1853–1927), l-ewwel president tal-*Għaqda* u l-ewwel editur tal-perjodiku letterarju *Il-Malti*,[26] kiteb versi kemm bit-Taljan kemm bil-Malti u qaleb ħafna poeżiji mil-Latin u mit-Taljan, kif ukoll xi rumanzi. L-eżerċizzju tat-traduzzjoni kellu sehem importanti fil-

**•ikompli**

formazzjoni stilistika tal-awturi u tal-Malti artistiku in ġenerali. Dun Karm Psaila (1871 – 1961), il-poeta l-aktar prestiġjuż tal-gżira, kien igħallem il-lingwa u l-letteratura Taljana (imma anki l-Latin u l-Ingliż) u ppubblika ġabra ta' poeżiji bit-Taljan.[27] Anzi hu wasal għall-espressjon poetika f'ilsien artu wara li kien ipperfezzjona t-teknika tiegħu bit-Taljan. Barra minn dan, qaleb xi rumanzi mit-Taljan għall-Malti, xi poeżiji ta' G. Zanella, u bħala eżerċizzju aktar ambizzjuż qaleb *I Sepolcri* ta' Ugo Foscolo fl-1936. Ta' min iżid li din it-traduzzjoni mhux talli ma baqgħetx prova teknika bierda, anzi, il-poeta saċerdot, tant ħassha, li tqanqlet fih reazzjoni profonda li ispiratu jikteb *Il-'Jien' u Lilhinn Minnu*, poeżija qawwija li fiha wara li jistqarr xi ftit xettiċiżmu u wara meditazzjoni iebsa u twila, jasal għal dikjarazzjoni ta' fidi.

Dun Karm hu l-aktar rappreżentant xieraq tal-moviment li ried jipprova lil dawk li kienu jistmerru l-Malti li l-ilsien tagħna hu kapaċi jesprimi sentimenti u ħsibijiet profondi. Bil-produzzjoni tiegħu prolifika, u l-iżjed bil-poeżija intellettwali tiegħu, jistħoqqlu t-titlu ta' "poeta nazzjonali", li juri (għalkemm rettoriku) l-apprezzament tax-xogħol tiegħu biex igħolli l-poeżija Maltija 'l fuq mil-livelli kważi folkloristiċi tal-versi reliġjużi, storiċi jew patrijottiċi. Bħal Dun Karm, A. Cuschieri (1876 – 1962), Karmelitan, wera li kien jaf tajjeb bit-Taljan, għax kiteb mhux biss poeżiji, imma anki artikli xjentifiċi li dehru fir-*Rivista di Filosofia Neo-Scolastica* li toħroġ Milan, u daħal f'polemika ma' Benedetto Croce. L-ispirazzjoni tiegħu hi l-iżjed reliġjuża, u hi ddedikata l-aktar għall-kult Marjan, imma ħalla wkoll versi fuq il-valur tal-ilsien Malti.[28]

**•Jissokta f'ħarġa oħra**

## NOTI

1. It-tliet gazzetti ta' kuljum u l-programmi bir-radju u bit-televiżjoni juru l-effiċjenza prattika tal-lingwa Maltija, waqt li bħala xhieda tal-attività letterarja biżżejjed insemmu t-tħabrik editorjali ta' dawn l-aħħar ħmistax-il sena. Ftit komunitajiet hekk żgħar kapaċi jipproduċu tant kitba bil-lingwa lokali.

2. L-eżempju li jolqotna l-aktar mill-viċin hu l-każ ta' l-Italja fejn it-Taljan, bħala lingwa ta' kultura, kien użat biss għal sekli sħaħ minn gruppi żgħar jew f'okkażjonijiet solenni, tant li fi żmien l-unità, fl-1861, inqas minn 1% tal-popolazzjoni kienu jafu bit-Taljan għax kulħadd kien juża d-djaletti. T. De Mauro, li fittex bir-reqqa wera li "jekk nadottaw kriterji wesgħin ħafna, nikkonkludu li fis-snin tal-unifikazzjoni dawk li barra minn Ruma u barra mit-Toskana kienu waslu biex jitgħallmu bit-Taljan kienu x'aktarx tmienja kull elf ruħ tal-popolazzjoni, jiġifieri xi 160,000 ruħ mitlufa, biex ngħid hekk, fil-massa ta' 20 miljun," *Storia linguistica dell'Italia unita*, Bari, 1970, p.43). Ma ninsewx li l-Italja tinqasam f'20 reġjun u kull waħda minnhom għandha karatteristiċi għaliha, mhux biss folkloristiċi imma anki klimatiċi u lingwistiċi, ibbażati fuq taqsimiet ġeografiċi u etniċi antikissmi. Fil-fatt in-nies li jitkellmu bid-djalett biss ma jiftehmux jekk ikunu ġejjin minn reġjuni mbiegħda. Illum id-djaletti għadhom ħajjin ħafna għax dawk li jitkellmu biss bit-Taljan mhumiex ħlief bejn l-20 u t-30% tal-popolazzjoni (1984).

3. J. Aquilina, *Papers in Maltese Linguistics*, Malta, 1961, pp.83 – 89.

4. L-istudjużi antiki tal-lingwistika kienu jippubblikaw studji b'titli twal u ambizzjużi, imma ġeneralment kienu jieqfu sal-ġabra ta' numru dejjem ikbar ta' verżjonijiet tal-*Pater Noster* (li fuqhom kienu jibbażaw l-analiżi tal-kliem): b'hekk naraw li mill-ħamsin verżjoni ta' H. Megiser, miġbura fis-sena 1592, għaddew għall-għadd ikbar ta' A. Muller (fl-1680) u J. Chamberlayne (fl-1715), sakemm fil-*Mithridates* ta' Adelung u Vater (1806 17) insibu 500 verżjoni tal-*Missierna* (C. Tagliavini, *Storia della linguistica*, Bologna, 1968, pp. 43 – 50). Il-Malti kien ġa interessa lil Megiser (fil-*Propugnaculum Europae*, 1611), lil H. Maius (*Specimen linguae punicae*, 1718, u *Specimen alterum linguae punicae*, 1723), u lil Bellermann (*Phoenicae linguae vestigiarum in melitensi specimen*, 1809). It-teorija li l-Malti ġej mill-Feniċju ġiet miċħuda minn studjuż ċelebri, W. Gesenius, il-fundatur tal-istudju xjentifiku tal-Ebrajk u tal-lingwi semitiċi komparati, fir-reċensjoni li għamel ta' xogħol Bellermann (*Versuch über die Maltesische Sprache*) fl-1810. M.A. Vassalli ma riedx jammetti t-teorija ta' Gesenius, li kien iqis il-Malti bħala djalett Magrebita, u għalhekk ħafna studjużi Maltin baqgħu sejrin fuq triq ħażina tul seklu ieħor (minn De Soldanis, *Dissertazione I*, 1750, sa A. Preca, *Malta Cananea*, 1904; imma Vassalli aktar tard telaqha t-teorija Punika, fil-*Grammatica della lingua maltese* tal-1827). Ix-xogħol ta' Vassalli laqat l-attenzjoni ta' xi wħud mill-aqwa studjużi Ewropej bħal Adelung u De Sacy, li taħtu kien studja Franz Bopp li fl-1817, bil-*Conjugationssystem* fetaħ triq ġdida għax-xjenza tal-glottoloġija, jew lingwistika, taħt il-forma ta' "grammatika komparata". Ta' min jinnota li dan il-metodu ġdid jikkonsisti fit-tqabbil tal-istruttura grammatikali ta' numru ta' lingwi li jitnisslu minn xulxin b'mod ġeneoloġiku, u għalhekk huwa metodu limitat għall-morfoloġija.

Illum, wara l-esperjenza ta' ħafna kurrenti tal-lingwistika moderna li fittxew l-importanza tal-komponenti l-oħra tal-lingwa, bħalma huma l-fonetika, il-lessiku, is-sintassi u s-semantika, aktar xieraq li nqisu l-Malti bħala lingwa mħallta (ara, il-kapitlu "Maltese as a Mixed Language" fil-*Papers*, ta' J. Aquilina, pp. 42 – 62), fatt li m'għandux jitqies bħala uniku jew negattiv għax il-lingwi huma kollha mħalltin billi jissawru minn kuntatti bejn il-popli, ħafna influwenzi differenti tul sekli twal li minnhom nafu biss dawk riċenti għax aħna kapaċi nagħrfu lilhom biss.

5. Ara, A. Vella, *Storja ta' Malta*, 1974, p. 22, fejn l-awtur isemmi lil D. Trump, J.D. Evans u F.S. Mallia. Anki l-Għarab li ħatfu lil Malta telqu minn Sqallija (ara, l-istess ktieb, p. 65).

6. Fost il-ftit informazzjoni li waslet sa żmienna, insibu tagħrif fuq għorrief li twieldu hawn bħal Lucio Caio, tabib, Menandro, oratur, Diodoru, li Ċiċerun igħidlu Malti (ċ. 70 Q.K.) u Aulo Licinio, imsejjaħ "Aristotile ta' Malta" mill-istess Ċiċerun (ċ. 48 Q.K.). Ħafna sekli wara nsibu kronista jew storiku, Teodosio Maltese, li rrakkonta l-ħajja tal-imperatur Teofilo ta' Kostantinopli, li ċċelebra ż-żwieġ tiegħu f'poeżija (ċ. 828) (ara, Ġ. Cassar Pullicino, *Kitba u Kittieba tal-Malti*, vol. I, Malta, 1962, pp. 1 – 2).

Il-problema l-aktar importanti hija liema lingwa kienu jitkellmu f'Malta qabel l-invażjoni Għarbija. Il-problema għadha miftuħa għax ma għandna l-ebda prova bil-miktub u l-ebda dokument; il-fehmiet opposti li juru minn banda "ir-Romanz li żgur kien qed jifforma ruħu" (C. Tagliavini, *Le Origini delle lingue neolatine*, Bologna, 1959, p. 261), jew inkella mill-banda l-oħra l-ilsien Semitiku, jiġifieri diġà jixxiebah ma' dak impost, m'għandhomx ħlief bażi teorika: l-ewwel opinjoni hi bbażata fuq l-analoġija ma' postijiet oħra li kienu taħt l-istess influwenza politika (il-parti Griega u Rumana), l-oħra toqgħod fuq il-ħeffa li biha l-Għarbi ħa post l-ilsien qadim. (Għall-opinjonijiet tal-istudjużi lokali, ara, Aquilina, *Papers*, pp. 8 – 9).

7. Skond C. Tagliavini (*Le Origini*, pp. 83 u 350) żgur li Sqallija ġiet "re-romanizzata" wara li ġiet meħlusa mill-Għarab. Din hija waħda mir-raġunijiet l-iżjed ta' min jorbot fuqhom biex tispjega l-karattru relattivament modern tad-djalett Sqalli ħdejn id-djaletti l-oħra tal-Italja t'Isfel, meta l-istorja ġġiegħlek tissopponi djalett ta' tip arkajku. (Sqallija kienet l-ewwel kolonja Rumana fis-sena 241 Q.K.).

8. Sqallija ntrebħet min-Normanni fl-1090, u fl-istess sena l-Konti Ruġġieru I ġie u rebaħ Malta, imma hawn ħalla l-Għarab jiggvernaw f'ismu. Kien Ruġġieru II li fl-1127 bidel l-Emir Għarbi bi gvernatur Normann. L-Għarab tkeċċew mill-gżira fl-1223 wara li kienu rvellaw kontra Federiku II, u minflokhom bagħat hawn numru mhux ħażin ta' nies minn Celano, wara li kien qered il-belt li kellhom Abruzzi bħala kastig talli l-baruni tagħhom, Tommaso da Celano kien waqaflu (A. Vella, *Storja ta' Malta*, pp. 74 – 76, 91 – 92).

9. . Ara M. Amari, *Storia dei Musulmani di Sicilia*, Catania, 1933, vol. II, P. II, pp. 702 – 3, 773 – 4, 784 – 5; u Vella, op. cit., pp. 81 – 84.

10. Il-poeżiji huma *canzoni-sirventesi: Neus ni gels ni plueja ni fanh; Pos ubert ai mon ric thesaur*, u *Quant hom es en autrui poder*. Ara V. De Bartholomaeis, *Poesie provenzali storiche relative all'Italia*, Roma, 1931, vol. I: pp. xx – xxii, xxx – xxxii, xcv – xcvi, 115, 121, 160. Issa ħarġet edizzjoni kritika tagħhom minn A.S. Avalle: Peire Vidal, *Poesie*, Milano – Napoli, 1960, vol. II, pp. 271 – 301, 398 – 412. Hawn Malta ġew ippublikati b'introduzzjoni fuq il-kuntest storiku Malti u b'noti u traduzzjoni bit-Taljan minn G. Brincat, *Le poesie "maltesi" di Peire Vidal*", "Melita Historica", 1976, pp. 65 – 89.

11. Ara, G. Wettinger u M. Fsadni, *Peter Caxaro's Cantilena*, Malta, 1968, pp. 26 – 30. Id-dokumenti kienu jinkitbu bil-Latin jew bl-Isqalli fis-seklu XV, u bit-Taljan mis-seklu XVI 'il quddiem.

12. Ara, Franco Lanza, *Malta e la letteratura nazionale*, fl-"Atti del VII Congresso dell'Associazione Internazionale per gli Studi di Lingua e Letteratura Italiana", Bari, 1970, p. 304.

13. Ara, V. Borg, *Developments in Education outside the Jesuit 'Collegium melitense'*, fil-"Melita Historica", vol. VI, n.3, 1974, pp. 215 – 254.

**•Tkomplija tan-noti f'paġna 19**



**La Liberté guidant le peuple**
pittura ta' E. Delacroix fil-*Musée de Louvre*, Parigi

## MARIO AZZOPARDI

### Noti dwar Movimenti Letterarji fl-Ewropa (1)

# IR-ROMANTIĊIŻMU

F'NOFS IS-SEKLU 18, l-Ewropa nħakmet minn mewġa ta' rivoluzzjoni soċjo-politika u wkoll minn tiġdid f'kull qasam ta' l-arti. Fil-letteratura, l-Ewropa rreaġixxiet kontra l-Illuminiżmu u kontra l-Klassiċiżmu: ta' l-ewwel kien jitlob dixxiplina lokali u tat-tieni forom stilistiċi mnebbhin mill-antikità Griega. Id-duttrina ta' l-arti klassika kienet ħakmet lill-kontinent Ewropew għal ħafna żmien, speċjalment bit-tendenzi Greko-Rumani, riflessi b'illustrazzjonijiet (letterarji jew viżivi) meħudin mill-ġrajjiet tal-qedem.

Il-klassiku kien jitlob impenn b'suġġetti moraleġġanti jew patrijottiċi. Il klassiċiżmu tar Rinaxximent Taljan kien wieħed iddixiplinat b'forom sempliċi, ordinati u razzjonali (loġiċi). Anki l-lingwa kienet waħda ordinata, u ma kienet tittollera xejn li kien fantastiku żżejjed. Il-letteratura illuminista jew klassiċista kellha preċetti ċari: (i) il-forom mingħajr kumplikazzjoni, (ii) l-argumenti razzjonali, (iii) l-espressjoni fidila għall-verità tar-raġuni.

Mal-miġja tar-Romantiċiżmu beda dieħel kodiċi ġdid emozzjonali: l-artisti u l-letterati Romantiċi bdew jappellaw għall-passjoni u mhux aktar għall-intellett. Il-biża', il-maltemp, it-tixrid tad-demm u l-moviment esaġerat saru karatteristiċi ċari marbutin mal-moviment Romantiku.[1] L-iskop kien illi l-forma fl-arti u l-kontenut fil-letteratura jinqatgħu mit-tendenzi "skultorji" tal-klassiċi. Iżda fil-prattika, iż-żewġ skejjel tal-Klassiċiżmu u r-Romantiċiżmu kellhom ħafna xebh bejniethom. Iż-żewġ movimenti kienu jagħtu bosta importanza lill-forma u kienu jfittxuha fuq mudelli mill-antikità Greko-Rumana. Kenneth Clark ħareġ b'din is-sintesi:

> Kull artist klassiku, fil-fond ta' qalbu kien romantiku u viċi-versa; id-distinzjoni bejniethom aktarx li hija waħda ta' konvenjenza, aktar milli waħda reali.

Fil-verità, il-poeta romantiku, l-aktar dak Latin, kellu ċerta inklinazzjoni moraleġġanti wkoll. Permezz taċ-ċaħda tal-pjaċir intellettwali, ir-Romantiċi kienu jqisu li l-poeta għandu jaqdi l-funzjoni ta' 'saċerdot' jew profeta li jesprimi sentimenti nazzjonali u wkoll razzisti, fis-sens li jevoka nisel jew ġens partikolari. Kien meħtieġ li tkun eżaltata n-natura; u min jiddikjara li jrid "jirrifletti" kien magħdud bħala wieħed li qed imur kontra n-natura. Il-bniedem li jirrazzjonalizza kien magħdud bħala bniedem priv. L-emozzjoni u l-innu tan-natura u l-ġens kienu l-oġġettivi tat-tendenza Romantika. Il-fantasija jew ir-"rêverie"[2] kellha titliggem u tkun dixxiplinata favur il-ħtiġijiet tal-motiv naturali u nazzjonali. Il-fiżjonomija spiritwali lill-epika nazzjonali kienet saret neċessità oħra. Għar-Romantiċi, il-kapaċità artistika ma kinitx tinsab fl-istint intellettwalizzat iżda fil-kultura nazzjonalista.

Fil-bidunett, il-Moviment Romantiku Ewropew kien saħaq illi r-regoli klassiċi illuministi ma kellhomx jibqgħu jgħoddu aktar. Iżda mbagħad ġara illi l ossessjoni bin-natura, bil-pajsaġġ u bl-epika nazzjonali biddlet l-ispontanjetà Romantika f'ordni ġdid. Ir-Romantiċiżmu sar moviment ta' precetti u regoli: fil-poeżija, ir-romantiċiżmu beda joħloq tenattivi spissi biex tinħoloq interpretazzjoni storika ta' l-ambjent. L-intuwizzjoni u l-ħsieb spontanju kellhom iċedu biex tiddaħħal l-idea, il-kunċett. Dan seħħ l-aktar fl-Italja Latina,



**Goethe**



**Coleridge**

u kien sewwasew mill-Italja li l-poeżija Maltija Romantika ssellfet il-preċetti u r-regoli ta' l-idjoma tradizzjonali.

Il-moviment Romantiku Taljan, bl-epika tar-Risorġimento, hu mbiegħed mir-Romantiċiżmu Ġermaniż, magħruf bħala l-moviment "Stürm und Dräng" (Tempesta u Assalt), li wera lill-awtur bħala ġenju li għandu fih forzi selvaġġi u barbari li m'għandhomx jitliġġmu. Ir-Romantiċiżmu Ġermaniż iddikjara ruħu favur it-turija vjolenti, l-enerġija naturali u l-ħolqien istintiv ta' l-artist.

Kienet in-narrattiva ta' awturi iżolati bħal Senancour, Constant, Mme. de Staël u Chateaubriand li ħabbret il-wasla tar-Romantiċiżmu Franċiż. Bil-proża emozzjonali tiegħu Chateaubriand, imnebbaħ minn letteratura b'sorsi Kristjani, qanqal lill-ġenerazzjoni żagħżugħa filwaqt li Mme. de Staël ċaħdet ir-razzjonaliżmu neo-klassiku u bdiet timporta tendenzi Ġermaniċi minn uħud bħal Goethe, Schiller u Novalis. Idaħħlet ukoll fi Franza l-influwenza lirika u pittorika mill-Ingilterra, bi Scott u Byron jikkomplimentaw it-tessitura romantika bikrija.

Il-*Mèditations* (1820) ta' Lamartine aktarx li jimmarkaw il-punt tat-tluq definittiv tar-Romantiċiżmu Franċiż sa nofs is-seklu 19, ikkaratterizat minn burdati mqallba ta' emozzjoni personali u xbiha immaġinattivi li jinterjorizzaw ruħhom kontinwament.

Ir-Romantiċiżmu f'Malta, iddominat minn Dun Karm Psaila, il-figura l-aktar denja li tirrappreżenta l-fidwa lingwistika tal-Malti fiż-żmien imqalleb tal-polemika bejn il-filo-Taljani u l-fidili Anglofoni tnissel direttament mill-influssi tar-Romantiċiżmu Taljan tas-seklu 18. Ħallew l-influwenzi tagħhom awturi bħal Monti, Zanella u Manzoni, kittieba ta' dispożizzjoni Kristjana għal kollox li kienu jixirqu lil Dun Karm bħala mudelli. Ir-Romantiċi Maltin ħolqu l-epika nazzjonali tagħhom billi siltu mill-ġrajja "klassika" ta' Malta, l-aktar mill-ġrajja ta' l-Assedju tat-Torok fuq Malta fl-1565. Intiseġ ukoll l-innu folkloristiku u ċelebrattiv, bi xbiha meħudin minn aspetti ambjentali sempliċi (ir-raba', l-ambjent raħli, id-devozzjoni reliġjuża ferventi, il-familja, fost l-oħrajn), filwaqt li nbeda l-passaġġ mit-tematika popolari għat-tiġrib solitarju, l-aktar f'xi wħud bħal Briffa, u Vassallo li nfetaħ għall-influss Leopardjan.

## L-ASPETT ROMANTIKU F'DUN KARM

Fl Psaila hemm il-ħsibijiet kollha li jagħmlu poeta sobriju skond l-istil tat-tradizzjoni klassika Latina. Wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn it-tipi differenti tar-Romantiċiżmu li ħakem fl-Ewropa minn nofs is-seklu dsatax 'il quddiem. Dun Karm ma' joqgħodx mar-Romantiċiżmu Ingliż ta' poeti bħal Coleridge jew De Quincey. Lanqas ma nistgħu norbtuh mal-moviment Romantiku "Stürm und Dräng". Ir-Romantiċiżmu Dunkarmjan jieħu l-ispirazzjoni tiegħu mill-motiv nazzjonalistiku. Il-punt tar-riferiment huwa r-Risorġiment Taljan u t-teknika prosodika timita b'ħila mudelli mill-penisola.[3] L-influwenzi u x-xebh bejn Dun Karm u Monti, ngħidu aħna, huma kkwotati biżżejjed, u ta' min jiftakar li fi żmienu Dun Karm kien issejjaħ "iz-Zanella ta' Malta".[4] L-iskop ta' dan it-tip ta' Romantiċiżmu kien wieħed li jeżalta l-Patrija-Omm, u dan bis-saħħa ta' kompożizzjonijiet folkloristiċi u ambjentali. It-ton u l-forma fl-opra ta' Dun Karm jieħdu bixra ordinata u dekoruża skond il-preċetti klassiċi. Kien minħabba f'hekk illi Psaila għamel enfasi fuq l-għarfien u l-istima tal-ilsien Malti bħala l-espressjoni kollettiva tan-Nazzjon, u b'hekk qies li seta' jnissel identità f'isem il-ġens.

Il-qagħda moralistika tista' tinftiehem aħjar fid-dawl tal-vokazzjoni saċerdotali ta' Dun Karm; minn hawn ġejja l-bixra devozzjonali tal-poeta li ħoloq l-immaġini ta' "knisja imperjali", għarusa ta' Ġesù Kristu.

Dan it-tip ta' patrijottiżmu kattoliku kien hemm min qiesu bħala emottiv wisq jew infatwat. Dun Karm innifsu, f'editorjal li kiteb għar-rivista *Il-Malti* (1938), kien iddikjara illi "il-letteratura għandha tirrifletti s-soċjetà". Iżda min-naħa l-oħra, kien iddikjara ruħu bħala apolitiku u ma xtaqx jikkommetti ruħu fil-ġlieda bejn il-pro-Ingliżi u l-pro-Taljani. Kien stqarr ukoll f'ittra li kien bagħat lil Laurent Ropa fl-1937 li hu (Psaila), kien kontra r-realiżmu u kontra l-movimenti moderni li kienu nħolqu fil-poeżija moderna Ingliża u Taljana. Psaila ddeskriva l-poeżija l-ġdida li kienet qed tinkiteb fl-Ewropa ta' żmienu bħala "stramba u biżarra".

F'dan l-atteġġjament il-kritiċi ta' Psaila josservaw ċerta aljenazzjoni u ċertu distakk. Dawn iqisu illi, minħabba l-iskopijiet idealitiċi u ekkleżjastiċi tiegħu, Dun Karm seta' għażel li jinjora r-realtajiet soċjali ta' żmienu. Forsi kien għalhekk illi l-qagħda sotto-żviluppata (materjalment u intellettwalment) ta' Malta kolonja ma dehritx fil-kruha essenzjali tagħha fil-poeżija ta' Psaila. Minflok, il-poeta rromantiċizza d dehra kwieta tal-ħajja rassenjata tal-klassi tal-ħaddiem.[5]

---

*NOTI*

1. L-iffukar fuq ix-xogħlijiet pittoriċi ta' artisti bħal David, Fuseli, Ingres, Gericault, Delacroix, Turner u Constable, fost oħrajn, jippermetti impressjoni immedjata dwar dan l-atteġjament fl-Ewropa.

2. Proċess mentali li kellu jsib xorti fix-xogħlijiet letterarji ta' diversi awturi ewlenin mis-seklu 20 li esplojtaw l-assoċjazzjoni ħielsa tal-moħħ li jiffantastika. Espożizzjonijiet simili ntużaw minn Freud fi trattati bħal *Recommendations for Physicians on the Psychoanalytic Method of Treatment* (Ara F.J. Hoffman, *Freudianism and the Literary Mind*, Grove Press, N.Y., 1959).

3. Għall-ħabta ta' l-1830, l-adeżjoni għall-poeżija Romantika fl-Italja kienet saret ħaġa normali; il-proklamazzjoni Romantika kienet diġà tilfet l-effett primittiv u vigoruż tagħha. Dak iż-żmien beda dieħel fil-Letteratura Taljana tip ġdid ta' "arcadia", moda letterarja passiva u provinċjali (Ara A. Balduino, *Letteratura Romantica dal Prati al Carducci*, Cappelli, 1967).

4. Skond il-ġudizzju ta' Carducci, Giacomo Zanella (1820–1888), saċerdot u professur tat-Taljan fl-università ta' Padova, kien ir-rifuġju tal-moderati, sensibbli sa ċertu punt għall-esiġenzi tat-tiġdid soċjali iżda b'attitudni paternalistika u ħerqa biex jirrestawra l-klassiċiżmu. Qrib ta' Zanella kien hemm poeti oħrajn Taljani li jingħarfu bħala "classicisti in ritardo".

5. Id-dibattitu dwar din il-viżjoni ta' Dun Karm għadu ma nbediex b'impenn. Huwa neċessarju li titqanqal din id-diskussjoni fid-dawl ta' proposti li javvanzaw awturi bħal Russo (rapport kritiku bejn il moralità u l istorja), Binni (komplessità personali-storika), Pavese (antifewdatarju u antifolklorista) u oħrajn orjentati soċjalment bħal Plechanov, Mehring, Lucács jew Antonio Gramsci. Imqar il-parentesi marxista ta' Croce hija relevanti hawnhekk. In-nazzjonaliżmu ta' Psaila donnu li jaċċetta, p.eż., l-aristokrazija ekkleżjastika u l-limiti politiċi, soċjali, ekonomiċi, psikoloġiċi u kulturali li kkondizzjonaw il-qagħda kolonjali ta' Malta. Huwa f'dan is-sens illi jeħtieġ li jkun aċċettat il-ġudizzju soċjoloġiku intergrat ma' dak estetiku, biex ir-realtà, il-mit u l-kuxjenza jgħaddu mill-investigazzjoni li jesiġu kritiċi reċenti bħal Cases, Löwenthal, Benjamin, Duvignaud, Bloch, Isella u David, fost oħrajn.

# Intervista: LINO SPITERI

## Awtur ta' "Anatomija"

**L-EWWEL PARTI**

Din l-intervista saret fl-1981 bl-inizzjattiva ta' Astrid Ellul u Roberta Rizzo, żewġ studenti mill-Kulleġġ San Alwiġi, B'Kara. Ħajr lill-Onor. Lino Spiteri li laqa' l-istedina tagħhom. (L-Editur).



**Lino Spiteri** (B'ħajr lill-Onor. Lino Spiteri)

### 1. *Kif bdejt tinteressa ruħek fil-Malti?*

Bdejt meta kelli xi sbatax jew tmintax-il sena. L-ewwel bdejt ninteressa ruħi fil-kitba ġurnalistika. Kont *emergency teacher* fl-1956 u kelli ħabib tiegħi kittieb, Victor Fenech; konna *teachers* flimkien u billi kien kittieb tħajjart nikteb jien ukoll. Wara bdejt nikteb xi artikli għall-gazzetti, imbagħad spiċċajt minn *teacher* għax dħalt naħdem mas-servizzi Ingliżi ta' Malta. Hemmhekk kollega li kien jaħdem miegħi kien kaċċatur, u darba dan il-kaċċatur ġie l-uffiċċju u beda jiddeskrivi kif imur għall-kaċċa u fejn imur. Jiena minn Ħal Qormi u hemmhekk hemm ħafna kaċċaturi; hemm wied kbir li jgħaddi minn maġenb Ħal Qormi u dawn l-affarijiet laqtuni u impressjonawni ħafna. Ġieni ħsieb li nikteb novella u ktibt l-ewwel novella tiegħi "Raġel Kburi" li tinsab f'*Anatomija*.

Meta tibda tikteb ħaġa mbagħad titħajjar tikteb oħra u minn hemm bdew ħerġin serje ta' novelli. Bdejt nikteb erbgħa u għoxrin sena ilu u minn dak iż-żmien 'l hawn daqqa nikteb u daqqa ma niktibx imma dejjem ix-xeħta għall-kitba baqgħet ġo fija.

### 2. *X'jidhirlek mil-letteratura tal-antik?*

Hemm żewġ tipi ta' letteratura, sew tal-antik kif ukoll tal-preżent. Għandek letteratura tajba u għandek letteratura indifferenti. Għal dik li hi letteratura Maltija fil-passat, irridu niftakru li aħna m'għandniex tradizzjoni ta' letteratura u jekk tħares lura, il-kitba bil-Malti skond Oliver Friggieri, li huwa espert f'dawn l-affarijiet, għandha madwar 100 sena. Il-kitba oriġinali tar-rumanzi forsi nistgħu nattribuha lil Ġużè Muscat Azzopardi li kien jikteb rumanzi qosra, erojċi u patrijottiċi ta' żmien il-kavallieri. Kienu kitbu mhux ħażin imma fil-kuntest tal-lum meta nħarsu lura ngħidu kemm kienet kitba tajba dik, imma nagħmlu żball għax qisek qed tħares lejn ritratt ta' mara liebsa l-għonnella; illum ngħidu kemm liebsa ikrah imma fi żmienha hekk kienu jilbsu. Meta l-letteratura kienet għadha żagħżugħa u kienu għadhom kemm bdew jiktbu l-livell dak iż-żmien kien mhux ħażin, l-importanti li kienu qegħdin jiktbu. Iktar ma ġejna fil-qrib, bdejna iżjed niktbu.

Il-letteratura tal-antik inħares lejha bħala xi ħaġa tajba għax kienet fil-bidu tal-triq li wasslitna għall-preżent. Għal dik li hi kwalità, għal żmienha kienet kwalità tajba u għal żmienna llum bla, ma rridu nibdew ngħidu: 'dik il-kwalità m'għadhiex togħġobna'; mhux m'għadhiex tajba; għax mhux fl-istil tagħna. Eżempju tajjeb huwa *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer li għalkemm mhux fl-istil modern ma jfissirx li mhux tajjeb. Huwa rumanż sabiħ ħafna, iżda llum biż-żmien is-soċjetà titbiddel, u l-istil u l-gosti tagħna jitbiddlu wkoll.

•ikompli



**In-Nouveau Riche: spunti ta' tnebbih għal Spiteri**



**Il-klassi l-fqira hi dejjem preżenti**

### *3. Għaliex togħġbok l-iktar in-novella u l-poeżija?*

Naħseb li mill-fatt li jien bażikament ġurnalista, u dan jikteb fil-qosor, jikteb artikli, jikteb għal ġurnata, jikteb għall-mument. It-*training* tiegħi minn kmieni dak kien. Ukoll il-fatt li jiena bniedem bla paċenzja u jekk irrid nagħmel xi ħaġa, irrid nagħmilha mill-ewwel, ma rridx noqgħod indum ħafna biex nagħmilha, u naħseb li għalhekk li ntfajt għan-novelli. Poeżiji ma tantx ktibt, imma l-istess *approach* għandi lejhom. Fil-poeżija l-ħsieb totali joħroġ għalkemm trid tillimah. F'rumanz ikollok ħsieb, imbagħad trid titilqu u tara kif tiżviluppah. Infatti kull ma ktibt rumanz wieħed u anki f'dan dehret l-impazjenza tiegħi għax ktibtu fi żmien xahar u domt xi xahrejn biex insewwih u nirranġah; imma l-oriġinal sar fi żmien xahar u dan juri li jiena bniedem li ma tantx għandi dixxiplina għat-tul. Il-ħaġa rrid naraha tfittex tispiċċa.

### *4. X'ispirak biex tikteb in-novelli?*

"Raġel Kburi" kienet it-*trigger* tal-bidu. "Raġel Kburi" fiha r-raġel tal-impressjoni li kelli ta' kif inhu bniedem ta' ċerta arroganza għax għandu l-flus. It-tip ta' bniedem bħal dan kont nafu għax f'Ħal Qormi kien hemm nies ta' dak it-tip. Ir-referenza għall-ħaddiema li hemm, nafhom għax jien ġej minn familja tal-ħaddiema, familja fqira.

"Raġel tal-poplu" ktibtha fl-1959 għall-ewwel darba bl-Ingliż u ma nafx għalfejn ktibtha; naf illi jiena dejjem interessajt ruħi fil-politika. Fl-1959 konna fi żmien meta l-Gvern kien kolonjali u konna ggvernati direttament mill-Ingilterra u kelli moħħi dejjem itektek. Niftakar, meta ħarġet dik in-novella kienet tittratta mhux fuq l-attwalità ta' l-1959 imma fuq il-politika ta' wara l-gwerra. Għal darba oħra kienet impressjonijiet tiegħi għalkemm daħlu ħafna nies oħra li forsi kont nafhom. "Raġel tal-poplu" irrevedejtha ħafna meta dehret f'*Ħala taż-Żgħożija* (1970) li kien ħdax-il sena wara li ktibtha oriġinarjament. Irrevedejtha ħafna u daħħalt affarijiet li ma kinux hemmhekk u li jirriflettu ħafna lil dak li naħseb jien.

"Ħala taż-Żgħożija" ktibtha fl-istess żmien – fl-1960. Ma nafx għalfejn ktibtha, iżda billi titratta fuq żgħażagħ u namrati tirrifletti l-fatt li jiena dak iż-żmien kont żagħżugħ ta' 22 sena, u bħal kulħadd kont għaddej minn ħafna taħlit. Għalkemm m'hemm xejn personali fiha, bdew joħorġu dawk ir-relazzjonijiet tan-namrati li daqqa huma ta' kbar u daqqa ta' żgħar. Dik il-mara li kienet traskurata mir-raġel tagħha allura toħroġ b'ċerta dimensjoni.

Għal darb'oħra, meta rġajt ħriġtha fil-ktieb fl-1970, irrevedejtha totalment. Infatti fiha ħafna referenzi għall-proprjetà, għall-*property boom* tas-sittinijiet. Għalhekk meta rrevedejtha fl-1970, għamiltha novella ġdida, imma ktibtha l-ewwel darba għax naħseb li jiena kont fl-età meta dawn l-affarijiet l-iktar li jolqtuna. L-ewwel qlibtha bħala teledramm fuq it-T.V., imbagħad ħdimtha bħala novella bil-Malti.

"L-Armla" ktibtha fis-sittinijiet. Tirrifletti l-fatt li jiena ġej minn villaġġ fejn ikun hemm dak it-tip ta' zekzik, illi jidher fl-armla. Dak lili jolqotni ħafna, iktar is-sensittività tiegħi milli xi ħaġa attwali.

"Kelb" fiha hemm iktar relevanza attwali, għax tirrifletti soċjetà tgħix ma' xulxin, l-għira fis-soċjetà u ċerti relazzjonijiet li ħadd ma jħallik bi kwietek. Huwa vera li kien jeżisti kelb bħal dan, iżda mhux veru li kienu jobogħduni.

"Par Ħamiem" hija novella ta' diqa u ktibtha, niftakar qisu lbieraħ, f'mument ta' ferħ iktar milli f'dagħdigħa. Niftakar kelli tfajla dak iż-żmien u kont kuntent ħafna u għadda minn moħħi li din il-kuntentizza tista' tispiċċa bla ma taf il-għaliex, u hekk ħarġet din in-novella. Il-ġuvni jmur 'il barra mill-Belt, imur fil-wied u juri mħabbtu lejn in-natura. Fil-wied hemm is-simbolu ta' par ħamiem li qegħdin fil-paċi u f'daqqa waħda jiġi kaċċatur u joqtolhom. Din norbotha ma' l-idea li l-kuntentizza hija

•Ikompli f'paġna 17

Dr. Oliver Friggieri (fin-nofs) qiegħed jippresiedi waħda mis-sezzjonijiet f'kungress internazzjonali tal-kritika letterarja f'Mazara del Vallo, April 1984.




(B'ħajr lil Oliver Friggieri)

# Ninterivistaw lil

## Dr. Oliver Friggieri

***1. Taħseb li għadda żmien biżżejjed biex "il-firda" bejn l-ewwel u t-tieni ġenerazzjoni tal-poeti f'dan is-seklu tidher f'perspettiva storika?***

Xogħol letterarju jista' jingħad li hu validu jew le kemm jekk inkiteb żmien twil ilu, u kemm jekk għadu kif inkiteb. F'dan is-seklu hemm għallinqas tliet perijodi ewlenin, imtarrġin u wara xulxin, li jsawru mixja waħda. Minn Dun Karm (u l-minuri ta' żmienu) sar-romantiċi ewlenin ta' żmienu u ta' warajh hemm il-mogħdija mit-tematika nazzjonali għat-tiġrib aktar personali u intimu li jieħu xejra konfessjonali fi Briffa, Buttigieg u Vassallo. Din hi l-lirika li tinfirex fuq l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin u naturalment tispunta wkoll 'il barra minnu minħabba li l-kronoloġija ta' mixja letterarja m'hix immarkata b'dati fissi.

It-tiġdid organizzat li tħabbar kollettivament fis-snin sittin, bħala programm ta' tiftix u sperimentazzjoni mnissel mill-kuxjenza tal-mument, għandu t-tħabbir bikri tiegħu anki f'poeti iżolati aktar anzjani li aktarx ma ssoktawx il-vokazzjoni moderna tagħhom. Dan ifisser li l-linja m'hix maqtugħa bħallikieku b'sing iswed fuq l-abjad, iżda trid titfittex ukoll fl-isfumaturi u fid-dellijiet.

Din il-kjarifika storika tista' tgħin biex tiftiehem "il-firda" (li tinkludi bi ħtieġa l-kontinwità) bejn (i) iż-żewġ ġenerazzjonijiet fi ħdan il-moviment romantiku f'dan is-seklu (deskrizzjoni li tajt fi *Storja tal-Letteratura Maltija*, 1979) u (ii) l-moviment reċenti li b'kelma konvenzjonali jissejjaħ 'modern'. (It-termini eżatti għad iridu jinħolqu). Il-perspettiva storika fi ħdan il-poeżija Maltija tiddependi għal kollox mill-perspettiva bla qies tal-moderniżmu kontinentali u Amerikan. Il-kitba lokali tiftiehem fid-dawl tal-kitba dinjija, li hi wisq eqdem. B'kejl kollu kemm hu lokali, jista' jingħad li waqt li l-kuxjenza ħadet is-sura organizzata tagħha fis-sittinijiet, l-isperimentazzjoni tat il-frott siewi tagħha fis-sebgħinijiet. L-isforzi bikrija qdiemu b'madwar għoxrin sena, waqt li x-xogħlijiet tassew validi huma reċenti ħafna. Hawn ukoll il-kronoloġija tal-kritika m'hix il-kronoloġija uffiċċjali.

Min-naħa l-oħra, jekk trid issir konsiderazzjoni kollha kemm hi kritika, il-perspettiva storika m'hix assolutament meħtieġa. Din hi pożizzjoni qadima għallinqas daqs I.A. Richards u Benedetto Croce. Xogħol jista' jingħad li hu validu, jew m'huwiex, kemm jekk inkiteb żmien twil ilu u kemm jekk inkiteb issa; it-temporalità tiegħu tqiegħdu biss f'postu. Ix-xhieda interna, testwali, qiegħda hemm biex tkun mistħarrġa bil-metodi kritiċi taż-żmien. Jien favur stħarriġ tat-test bħala kompożizzjoni awtonoma, mifruda minn min, meta, fejn, kif u għaliex inkitbet (għad li dawn jibqgħu l-elementi kritiċi tradizzjonali li jirrakkontaw l-"istorja", il-kawża tal-ġenesi letterarja). Jekk hemm il-poeżija, il-perspettiva storika hi biss punt tat-tluq (il-kategorija filosofika li l-bnedmin ma jistgħux jinħelsu minnha); il-vjaġġ lejn il-valur estetiku jibda meta "tintilef", tingħeleb din il-limitazzjoni, il-perspettiva, biex tinkiseb tifsira universali, bla żmien, bla post (is-sens żejjed tal-post jirrendi l-letteratura kumment soċjoloġiku).

Il-mixja mill-poeżija ta' qabel għall-poeżija ta' llum, mela, tista' tkun apprezzata kritikament jekk fil-poeżija ta' llum jinstab ir-riferiment storiku (li jorbotha ma' qabel) u jekk fiha jixref is-sens ta' l-etern u mhux is-sens tal-kontemporanju; fi kliem ieħor, jekk tinħass l-intuwizzjoni (tal-poeta) u mhux l-osservazzjoni (tal-ġurnalista).

•Ikompli f'paġna 16

# ĠUŻÈ ELLUL MERCER

## Kuxjenza u intellett



Ġ. Ellul Mercer



Ġwann Mamo



Ġużè Orlando



Ġino Muscat Azzopardi



John F. Marks

ĠUŻÈ ELLUL MERCER (1897 – 1961) jidħol f'dik ix-xirka ta' kittieba li, fis-snin Għoxrin u Tletin, riedu jaraw lill-ħaddiema Maltin jingħaqdu biex jaffrontaw "il-ġuħ, l-għaks, u t-tbatija tagħhom".[1] Kienu żminijiet meta l-ħaddiema, esplojtati mill-ħakkiema kolonjali u minn klassijiet privileġġati ta' professjonisti, neguzjanti u qassisin li qiesu l-politika bħala l-aqwa interess ta' ħajjithom, għexu "Mimlijin piena u niket, issummati", b'uliedhom "reqdin fuq it-tiben".[2]

Ma' Ellul Mercer kien hemm oħrajn li riedu jxandru li kien wasal iż-żmien li l-poplu-ħaddiem, bla xogħol u bla tagħlim, jiddawwal u jitgħallem biex jagħraf x'inhuma jeddijietu. Kien fl-isfond ta' dan iż-żmien ta' għaks li bdew jidhru l-kitbiet ta' wħud bħal Ġwann Mamo (1885 – 1941), Ġużè Bonnici (1907 – 1940), Ġużè Orlando (1898 – 1962), John F. Marks (1894 – 1954) u Ġino Muscat Azzopardi (1899 – 1982), fost oħrajn. Ilkoll ħadmu bla heda f'oqsma differenti tal-kultura limitata li eżistiet f'Malta, mill-ġurnaliżmu sat-teatru, fejn Mikielanġ Borg (1868 – 1939) ħoloq it-teatru bil-vernakular u organizzah għall-ewwel darba b'konsistenza permezz tat-twaqqif tal-kumpanija *Indipendenza*.

Kienu awturi mgħarrfin b'letteratura li fi żmienhom tqieset perikoluża u sedizzjuża: Bernard Shaw, Hebert Spencer, Dostojevski, fost oħrajn, kienu jgħaddu minn id għall-oħra. Ellul Mercer kien jaqra ħafna kotba li kien jisilfu Ġwann Mamo,[3] ir-ruħ li fl-1930 ħoloq karikatura tat-traġedja nazzjonali bir-rumanz satiriku tiegħu *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*.

Min-naħa l-oħra, il-kunflitt tal-moħħ li jrid jaħseb u jeżorta lil min jaħseb deher fl-aqwa tiegħu f'Ellul Mercer: *Leli ta' Ħaż-Żgħir* huwa rumanz li l-awtur innifsu ddikkjarah bħala xogħol li "janalizza psikjatrikament il-ħajja ta' bniedem newrotiku".[4] Ellul Mercer, sensittiv għall-ħtieġa li l-poplu ħaddiem jinfeda mill-miżerji materjali u mentali tiegħu, kien iqis li l-intellett tiegħu kien restritt minħabba ostakli qodma li ħonqu l-kreattività tal-Maltin: fost oħrajn kien iqis bħala xkiel "il-fanatiżmi reliġjużi, in-nuqqas ta' kultura neċessarja fil-mexxejja ta' diversi movimenti tal-Letteratura Maltija", kif ukoll "il-kondizzjoni difettuża" ta' kittieba maħkumin mill-"plaġjariżmu".[5] Fl-1928, il-Kurja Arċiveskovili kkundannat in-novella ta' Ellul Mercer *Bniedem* li Ellul Mercer xandar fis-sensiela tiegħu *Ħrejjef ta' Barraminaw*, mibdijin fl-1927. Ix-xogħol tiegħu kien iċċensurat għax tqies li kien joffendi "il-pudur u l-moralità", ġudizzju li, għalkemm annullat fil-Qorti ta' l-Appell f'Marzu, 1929, baqa' jippersegwita lil Ellul Mercer u kompla nissel fih sens ta' iżolament, bħall-protagonista ta' Ħaż-Żgħir li jirtira biex jikkuntempla l-kriżi profonda fih innifsu[6] mnissla mill-konfront tiegħu mas-soċjetà li taħkem u tiddetta.

**Mario Azzopardi**

### NOTI

1. Ġino Muscat Azzopardi, *In-Nies tal-Faħam, Il-Kotra*, 20/10/1927.
2. *Il-Ħaddiema Bla Xogħol, Il-Kotra*, 30/12/1926.
3. *Tagħrif* minn Salvu Borg, membru tal-Kumitat Distrettwali tal-Partit tal-Ħaddiema fi żmien Ellul Mercer u Orlando.
4. Ġ. Ellul Mercer, f'dokument mhux imxandar merfugħ għand il-familja ta' Giovanni Curmi. Id-dokument, f'għamla ta' tweġibiet għal kwestjonarju li kien iċċirkola Curmi fost il-kittieba tal-Malti, għandu d-data 3/6/1949.
5. *Dokument, cit.*
6. Huwa hawnhekk fejn Ellul Mercer għandu jitqarreb l-aktar lejn Dostojevski; Leli nnifsu joħloq ir-bit bejnu nnifsu u l-*Aħwa Karamazov* ta' l-awtur Russu.

## L-irtir ta' Leli

minn Charles Casha

*LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR* hu rumanz li fih nistgħu ngħidu l-ewwel xrariet għall-iżvilupp tar-rumanz psikoloġiku kif esperimentat aktar tard minn Frans Sammut fir-rumanzi tiegħu *Il-Gaġġa* u *Samuraj*. F'dan ir-rumanz Ellul Mercer jieħu mottiv psikoloġiku b'persunaġġ ewlieni, Leli, li l-ħin kollu qiegħed josserva d-dinja ċkejkna u magħluqa ġor-raħal ta' Ħaż-Żgħir. Leli jfittex li jistħarreġ din id-dinja b'sens ta' kritika u jissokta sabiex jipprova jsib lilu nnifsu. Għalhekk, ir-rumanz igħaddi mir-realtà ta' barra għar-realtà ta' ġewwa. Minn hawn li jiżviluppa s-sens ta' rtir.

I. Leli ta' Haż Żgħir. (Autobiografia) In parte analizzata psichiatricamente la vita d'un nevrotico

**Stqarrija ta' Ellul Mercer lil Giovanni Curmi**

(B'ħajr lill-Familja Curmi)



Dan ir-rumanz joqrob lejn ir-rumanz psikoloġiku għaliex fih wieħed isib il-konflitt bejn id-dinja ta' barra (id-dinja tar-realiżmu) u d-dinja ta' ġewwa (li hija ruħ Leli). Il-karattru ewlieni huwa żagħżugħ f'raħal ċkejken fejn hemm l-injoranza u l-faqar. Leli, bil-għatx għat-tagħlim, jibda jaqra u meta jsir jaf u jiskopri orizzonti ġodda ta' tagħlim, huwa jibda biex jitlef dik is-sigurtà u ċ-ċertezza li kellu bħala riżultat ta' l-injoranza. B'hekk huwa jidħol fi stat t'inċertezza għax issa jsir jaf kemm hemm ħwejjeġ li għadu ma jafx bihom. U hawnhekk jidħol fid-dubju u jinqata' min-nies tar-raħal sakemm fl-aħħar jirtira u jiġġennen. Bħalma l-bniedem jipprova jirbaħ l-ispazju, billi jipprova jaħkem ħafna artijiet u jibni Imperi, kif għamlu Napuljun u Alessandru l-Kbir, hekk Leli pprova jirbaħ l-injuranza li kienet qed iżżommu magħluq fi spazju ċkejken u jakkwista tagħlim u għerf li bihom jimraħ fi spazji kbar 'il barra mill-moħħ magħluq tar-raħħala li kien jgħix fosthom. Fil-kitbiet tiegħu, wara li marad, Leli fost ħwejjeġ oħra kiteb hekk:

"Tiftakar meta darba ilu, ilu, kont toħlom b'kobor u b'għerf liema bħalhom..." Dan is-sens ta' rtir fir-rumanz jinħass fil-mod kif Ellul Mercer jibni kollox dwar Leli u fl-aħħar jġiegħlu jirtira għaliex Leli, wara li jkun daq it-tagħlim il-ġdid ma jistax jasal sabiex isib bilanċ bejn it-twemmin tiegħu u l-ħsibijiet ta' xejriet moderni li jħallu barra lil Alla. Leli jirtira wkoll għaliex ma jistax isib postu man-nies tar-raħal, ċerti fl-injuranza tagħhom, filwaqt li hu mimli dubji u inċertezzi bit-tagħlim li kiseb. Leli jrid jiddiskuti iżda m'hemmx ma' min. It-tema kollha tar-rumanz hija ibbażata fuq il-parabbola ta' Platun li l-awtur iqiegħed fir-rumanz fi kliem Pawlu Sultana:

"F'din il-parabbola Platun jmur jistħajjel li l-bnedmin kollha kemm huma qegħdin igħixu bħallikieku f'għar daqsiex, aktarx imdallam milli le; u li qed igħixu għomorhom kollu b'daharhom lejn daħlet il-għar; u jħarsu 'l ġewwa. Minn daħlet il-għar dieħel id-dawl li qed tarmi ħuġġieġa ta' kobor bla qies, u li qed jaħbiha ħajt, ftit 'il barra minn daħlet il-għar. Meta l-bnedmin jerfgħu għajnejhom u jħarsu lejn ħitan il-għar, ma jarawx għajr id-dell ta' dak kollu li f'dak il-waqt ikun qed jiġri biswit id-daħla ta' l-għar. Dan jaraw u xejn iktar. Jekk xi qalbieni jiftillu jdur, jixref u jħares fid-dawl ta' barra, il-qawwa ta' dan id-dawl għall-ewwel tgħammixlu għajnejh; iżda bil-ftit il-ftit jidra; u jibqa' sakemm joħroġ barra minnu nnifsu bil-ġmiel li jara. Jekk mill-ġdid jidħol fil-għar mal-bqija, jintebah li tilef id-dawl; li ma jistax jara iżjed dak li qabel kien jara bħall-bqija. U meta jibda biex igħid x'ra, in-nies tinfexx tidħak, taħsbu qed jitlef, iżżommu b'miġnun."

L-irtir ta' Leli jsir għal żewġ raġunijiet ewlenin. L-ewwel għaliex tgħallem u t-tieni għaliex qed igħix f'raħal żgħir u magħluq.

**L-irtir minħabba l-qari**

Sakemm Leli kien għadu mingħajr tagħlim, kien kalm bħalma kienu u baqgħu n-nies tar-raħal. Huwa ma kienx jaf x'hemm lilhinn minnu, iżda meta mbagħad beda jaqra l-kitbiet ta' ħassieba kbar bħal Platun, Kant u Voltaire, huwa sab ruħu f'dinja oħra. Meta ħareġ mill-għar id-dawl għammixlu għajnejh. Il-kilba tiegħu għat-tagħlim kienet kbira.

"U Leli, li għad li kien ilu żmien li ħalla l-iskola, kien baqa' miklub wara l-qari u l-kotba ..." Din il-kilba wasslitu sabiex ifittex tagħlim ġdid li qatt ma kien sama' bih u li għalih ma kienx jiflaħ. L-isfond tiegħu kien dgħajjef u limitat sabiex huwa jkun jista' jifhem u japprezza l-kitbiet u ħsibijiet profondi ta' Kant u oħrajn.

"Leli, kif għidna drabi oħra, ma kienx imħarreġ biex jista' jgħabbi rasu u

•ikompli

jitgħarref bil-għerf u l-ħsebijiet kbar li ltaqa' magħhom fil-kotba li mar qara."

Pawlu Sultana, li billi kien qed jistudja għal tabib, żgur li kellu sfond aqwa minn ta' Leli, igħid:

"Taħsbux li jiena fhimt kulma qrajt mill-kitba ta' dan il-waħx ta' l-għerf u ta' oħrajn bħalu."

U l-istess għas-Sur Kelin fejn jistqarr kemm hija ħaġa tqila li wieħed jifhem il-ħsibijiet ta' dawn l-għorrief.

"It-tħarriġ tagħna fit-tagħlim żgħir wisq, biex nistgħu nifhmu sewwa kitba ta' għerf hekk kbir."

F'din is-sitwazzjoni li sab ruħu fiha Leli, tliet toroq kien hemm miftuħa għalih. L-ewwel li jabbanduna dik il-kilba għat-tagħlim u jinsa kull ma kien qara. Imma Leli huwa l-bniedem ambizzjuż li jrid isir għaref u magħruf ma' kullimkien. Wara li ġġennen kien kiteb hekk lilu nnifsu:

"... u għerfek għad jikber u jixxandar mar-rħula u mal-ibliet; li għad tasal biex tifhem dak li ħadd qablek ma fehem."

Jekk Leli ma setax jieqaf u jabbunduna l-qari, iż-żewġ toroq l-oħra kienu li jew ikompli jew jirtira. Imma biex ikompli f'dak it-tagħlim ma kienx f'saħħtu biżżejjed intellettwalment u allura kellu jingħalaq fih innifsu u jirtira fil-ġenn tiegħu.

"Mhux talli sibt dak li ta' qablek ma kenux sabu; iżda talli tlift dak li kellek."

Imma l-akbar problema ta' Leli kienet li ma setax isib bilanċ bejn it-twemmin tiegħu u dak li kien iħoss ġewwa fih u l-ħsibijiet tal-kittieba li ma kenux jammettu l-eżistenza t'Alla. Għal Leli bdiet il-ġlieda qalila li ma kienx jiflaħ għaliha u allura kellu jirtira. Ir-rumanz jieħu l-ispunt psikoloġiku tiegħu minn dan is-sens ta' dubju bejn dak li kien tgħallem fi tfulitu u dak li qara meta kiber.

"... u tjubitu u mħabbtu lejn is-sewwa ma kienu jaqblu xejn mal-fehmiet li xi kotba milli kien qara kienu tawh."

Din il-kriżi ta' Leli tibqa' bla ma tiżviluppa u tasal għal xi konklużjoni. Donnu li l-awtur beża' jidħol 'il ġewwa f'dawk l-oqsma fejn hemm in-nuqqas ta' Fidi u għalhekk il-ġlieda ta' Leli tibqa' bla konklużjoni. Forsi dan ġej mill-fatt li l-kristjaneżmu kellu egħruq kbar u fondi fl-awtur u mhux lakemm jasal biex jiċħad it-twemmin.

"Kif nista' ngħix mingħajr ma nemmen?" jistaqsi Leli lilu nnifsu wara li kien qed iħossu jibred fi Twemminu wara li kien qara *Candide* u *Il-Fehmiet ta' Ġomu Coignard*, *L-Allat bil-Għatx* u *It-Tixwixa ta' l Anġli*. Ukoll fis Sur Kelin, l-awtur ma jippreżentax il-bniedem persważ għall-aħħar li tilef twemminu. Għalkemm ma jemminx, imma l-egħruq tar-reliġjon jinħassu sewwa fis-Sur Kelin. Min-naħa l-waħda jekk Ellul Mercer ma setax iwassal lil Leli sabiex jabbanduna twemminu, lanqas ma kien kapaċi biżżejjed li jsib il-bilanċ bejn il-kitba ta' Voltaire, Anatole France u oħrajn u t-twemmin nisrani. U allura l-irtir kien inevitabbli f'dan il-każ.

Fi kliem ieħor Ellul Mercer qed jippreżenta l-problema reliġjuża permezz tal-kultura. F'Malta l-kultura u r-reliġjon kattolika dejjem kienu relatati. Ħafna mir-ritwali li l-Maltin igħaddu minnhom fl-istadji importanti ta' ħajjithom huma konnessi mal-Knisja: il-Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina, il-Griżma ta' l-Isqof, iż-Żwieġ u d-difna wara l-mewt. Hekk min-nieqa sal-mewt hemm l-influwenza reliġjuża. Ritwali u avvenimenti oħra matul is-sena li għandhom x'jaqsmu mal-knisja u mar-reliġjon ta' min isemmi l-festi, il-quddies obbligatorju tal-Ħdud u l-Festi. Iż-żmien li fih hu ambjentat dan ir-rumanz, kien żmien fejn il-ħajja tal-Malti kienet marbuta u mfassla skond ir-ritwali tal-knisja fl-eżempji li semmejna aktar 'il fuq. L-istess ħinijiet tal-jum kienu mfasslin skond il-knisja: il-quddiesa fil-għodu, l-anġelus, l-Ave Marija u tqassim ieħor li l-knisja kienet timponi fuq il-ħajja tal-bniedem. Jekk inqabblu Ħaż-Żgħir ma' Ħal Farruġ, kif studjat fil ktieb *Ħal Farruġ; A village in Malta* ta' Jeremy F. Boissevain, naraw kemm il-ħajja kulturali tar-raħħala kienet ħaġa waħda mar-reliġjon u l-knisja.

Leli trabba f'raħal żgħir, f'ambjent reliġjuż ibbażat fuq il-Fidi għamja mingħajr diskussjoni intellettwali, fejn il-kapijiet reliġjużi u sekolari ma kinux lesti li jagħtu lill-poplu dak it-tagħlim li huma kienu jafu li jeżisti iżda li għali-hom ma kienx tajjeb għall-poplu. Fl-*Għar tax-Xitan* ta' J.J. Camilleri, il-Kappillan kien jaf li l-ġrajja tax-xitan magħluq fl-għar kienet ħrafa iżda hu kien jinqeda biha u qatt ma qal lill-poplu li din mhix vera. L-istess f'Ħaż-Żgħir il-Kappillan igħid lil Dun Karm:

"... lill-kotra tan-nies ma tistax tgħallimhom kif ġieb u laħaq ..."

Kien f'dan l-ambjent li Leli ntebah kemm ma kien jaf xejn. Miċ ċertezza u l-fidi għamja ta' l-injurant ('għax hekk qal fil-priedka') Leli għadda għall-inċertezza ta' l-intellettwali li jrid janalizza u jistaqsi għaliex. Madankollu Leli ried jibqa' jemmen avolja fil-kulturi moderni Alla hu ħafna drabi mħolli barra. B'hekk Leli ma setax jagħmel ħaġa oħra ħlief jirtira fih innifsu, mhux biss mill-bqija tar-raħal iżda wkoll minn martu li meta bidilha ma' Klara kien qiegħed jikser ukoll il-kodiċi morali li jolqot il-familja li hija waħda mill-pedamenti li fuqha hija mibnija l-kultura reliġjuża-soċjali tal-ħajja Maltija.

**L-irtir mir-raħal**

It-tieni raġuni li wasslet għall-irtir ta' Leli kienet iċ-ċokon u l-egħluq tar-raħal ta' Ħaż-Żgħir. U meta ngħidu r-raħal ma nifhmux biss l-ispazju li l-bini jokkupa iżda aktar u aktar in-nies li jgħixu fih. Imqabbel ma' pajjiżi kbar imsemmijin fir-rumanz, Ħaż-Żgħir huwa nitfa ta' post, fejn kulħadd jaf lil xulxin u kulħadd igħix ma' xulxin. B'hekk l-irtir ta' Leli huwa ikbar f'dan is-sens. Kieku Leli kien igħix f'xi belt kbira bħal Londra jew Pariġi, l-irtir tiegħu ma kienx jinħass ħlief minn dawk ta' madwaru. Iżda meta Leli qed jirtira minn qalb il-ftit nies ta' Ħaż-Żgħir, l-irtir tiegħu jinħass aktar. Jekk wieħed jisplodi bomba ġo kamra magħluqa l-effett tagħha jkun akbar milli wieħed jisplodi l-istess bomba ġo għalqa kbira u mifruxa. Tibqa' l-istess bomba imma l-egħluq jagħmilha aktar qawwija. Il-ħajja tar-raħal, u aktar u aktar f'raħal ċkejken bħal Ħaż-Żgħir, toħloq minnha nfiha ċertu kontroll soċjali, mhux bħal belt fejn għandek telfien ta' l-identità qalb il-folla mgħaġġla. Għalhekk Leli qatt ma satax jinqata' fiżikament mil-bqija tar-raħal u allura kellu, la darba baqa' jgħix hemm, jinqata' mir-raħal mentalment. U għalhekk għandek il-ġenn, jew aħjar l-irtir fil-ġenn. Meta Leli ntebah li huwa kien nieqes minn dak l-għerf kollu, li kien qed igħix fl-injuranza, huwa sab ruħu f'kunflitt għax ħassu esplojtat minn stat ta' injuranza. Min-naħa l-oħra dan il-kunflitt f'Leli seta' kotor meta huwa ntebah kemm bħala ħaddiem u fqir, u bħalu oħrajn, kienu qed jiġu esplojtati minn min kellu l-flus. Fir-rumanz hemm bosta referenzi għal dan fl-imġiba ta' l-aħwa Buċagħak u nies oħra bħalhom li jagħmlu l-flus minn fuq il-gwaj ta' ħaddieħor. Il-prinċipji fundamentali ta' Leli ġew skussati sew b'dak li qara u meta fehem kemm kien qed jiġi esplojtat mill-klassi għanja li ma taħsibx. U f'dan il-kunflitt kollu Leli ried isib qbil mill-bqija tar-raħal. Sakemm kien għad hemm is-Sur Kelin u Pawlu Sultana, Leli sata' jiddiskuti magħhom, iżda meta s-Sur Kelin siefer lejn l-Alġerija u Sultana kien imgħobbi bix xogħol ta' tabib, Leli sab ruħu waħdu.

"... dawn il-fehmiet Leli ma kellu lil ħadd ma' min jitkellem fuqhom għajr lis-Sur Kelin, sakemm dan kien Malta, u lil ħabibu Sultana, li issa kien sar tabib."

Għalkemm "Leli kien il-ħajja tal-każin" u n-nies tal-każin ma kienu xejn mingħajru, imma l-kuntatt bejnu u bejn in-nies tar-raħal kien biss sakemm dan kien jitkellem magħhom fuq dak li kienu jifhmu, bħall-gwerra. Huma kienu jħobbuh iżda ma kinux jifhmuh. U għalhekk fl-aħħar mill-aħħar kellu jirtira minnhom. Fir-rumanz hemm ukoll il-

kuntrast bejn Leli bħala l-individwalista li ġej mill-klassi tal-ħaddiema u li jaħseb, u l-aħwa Buċagħak li qed jirrappreżentaw lill-klassi għanja li ma taħsibx.

"Lil Leli fuq ix-xogħol dejjem kont issiblu ktieb miegħu" filwaqt li "Is-Sur Manwel mhux darba u tnejn nibxu fuq il-kilba tiegħu għall-qari."

Ellul Mercer juża kwantità kbira ta' laqmijiet li juru s-sengħa, difetti fiżiċi jew parti mill-karattru tar-raħħala. Dawn il-laqmijiet flimkien ma' espressjonijiet oħra, id-deskrizzjoni tat-tieġ, id-diskursata fil-ħanut ta' l-inbid, u sqaq id-dlam jagħtu dehra ta' raħal Malti, magħluq fih innifsu bl-injuranza u l-faqar tiegħu. U dan l-istess ambjent li jagħti Ellul Mercer tar-raħal Malti jkompli juri fiċ-ċar id-distakk li nħoloq bejn Leli u l-bqija tar-raħal li wasslu biex jirtira wara li huwa kien qara u tgħallem. Leli hawnhekk mhux l-eroj li kulħadd jimxi warajh iżda l-anti-eroj li huwa ogħla mill-kotra għax għandu valuri li huma kontra dawk tal-maġġoranza. Huwa l-anti-eroj li huwa kontra l-folla u għalhekk flok ikaxkar lil ħaddieħor warajh huwa jirtira mill-bqija. U hawnhekk wieħed jistaqsi: għaliex l-irtir ta' Leli qiegħed fil-ġenn u mhux fl-emigrazzjoni kif ippreżentah Sammut aktar tard fil-ktieb tiegħu *Il-Gaġġa*?

## L-emigrazzjoni bħala rtir

Fir-rumanz hemm x'juri li Ellul Mercer kien favur l-emigrazzjoni, tema li hija marbuta ħafna ma' gżira ċkejkna bħal tagħna.

"Ilkoll kemm aħna ma nistgħux ngħixu kif jixraq fuq din id-daqsxejn ta' gżira." Jekk Ellul Mercer ma għażilx li Leli jħalli Malta u b'hekk joħloq irtir parzjali, dan ma sarx għax l-awtur kien kontra l-emigrazzjoni imma għal raġuni oħra. L-awtur kien aktar moħħu fil-problema reliġjuża fejn Leli ma setax isib ir-rikonċiljazzjoni bejn it-twemmin tiegħu u dak li qara milli fil-problema ta' Leli li kien qed igħix ġo raħal żgħir u magħluq. Mal-ktieb kollu tinħass il-ħeġġa reliġjuża, li kważi, kważi tasal biex tgħid lil *Leli ta' Ħaż-Żgħir* huwa ktieb reliġjuż. It-tema tal-fidi fil-qafas tal-kulturi moderni tinħass matul il-ktieb kollu

"Leli ... f'dan iż-żmien kien jinsab fi ġlieda oħra l-aktar qalila miegħu nnifsu; l-akbar ġlieda li bniedem jista' jsib ruħu fiha; il-ġlieda ħarxa biex jiġġieled miegħu nnifsu kull min ikun jemmen tassew." Huwa permezz ta' Leli (li inċidentalment tfisser 'Alla hu magħna') li Ellul Mercer ried iwassal il-problema li hu stess kien qed iħoss, il-problema tal-bniedem ta' kif se jagħraf lil Alla wara li jkun aċċetta l-għarfien tiegħu. Jekk il-problema ta' Leli kienet interna, l-emigrazzjoni ma setgħetx issolviha. U hawnhekk wieħed jistaqsi: setgħet il-problema tirrisolvi ruħha b'distakk komplut, jiġifieri permezz tas-suwiċidju?

## Is-suwiċidju bħala rtir

Meta Leli marad, il-ħsieb li jeħles minn ħajtu, għaddieh minn moħħu. Dan jistqarru ma' Dun Karm waqt li jkun f'passiġġata miegħu.

"... Iżda jien ma rridx mogħdrija, jien mewt irrid ... mewt biss." It-tema tas-suwiċidju hija msemmija iżda mhix is-soluzzjoni. U dan jista' jkun għal żewġ raġunijiet prinċipali. L-ewwelnett l-egħruq fondi tal-kristjaneżmu li hemm f'Leli (u fl-aħħar mill-aħħar fl-awtur). It-tieni hija s-sens ta' tama li kull nisrani għandu permezz tal-Fidi. Sakemm hemm il-ħajja hemm it-tama u sakemm Leli għadu ħaj, avolja miġnun, dejjem għad hemm it-tama li dan isib dik ir-rikonċiljazzjoni bejn it-twemmin tiegħu u dak li qara fil-kotba. Il-ħsieb tas-suwiċidju huwa mwarrab immedjatament għax Leli hu dgħajjef li jasal għal dan. Leli mhux Samwel ta' *Samuraj*. Leli huwa aktar reliġjuż. Għalkemm tilef twemminu, l-egħruq għadhom hemm.

"... dik il-mewt li s'issa għad ma kellix il-ħila nersaq lejha u nitgħannaq magħha biex fiha nsib dak is-serħan li f'ħajti ma sibtx! Iżda jien ġifa!" Huwa importanti dak li jiġi wara dan il-kliem fejn Dun Karm u Leli jitgħaxxqu bis-sbuħija tan-natura, bil-ġmiel tal-ħajja.

"Min qatt ma ra x-xemx tgħib u tinħeba f'xefaq il-baħar, ma jafx x'jiġifieri ġmiel il-ħolqien ..."

Leli jsemmi s-suwiċidju, li se jagħtih il-ħelsien mid-dwejjaq imma immedjatament wara, Ellul Mercer juri s-sbuħija tal-ħajja – li tgħix ħa tgawdi s-sbuħija tal-ħolqien (tama) kontra s-suwiċidju li jagħtik serħan imma jtellfek kollox (disperazzjoni). It-tama għar-rikonċiljazzjoni tibqa' hemm sa l-aħħar kliem tar-rumanz.

## Egħluq

Punt li joħroġ minn dan kollu huwa dan: Hemm post l-intellettwali f'Malta? Jekk inħarsu lejn ir-rumanzi *L-Ibleh* ta' Ġ. Orlando, *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Ġwann Mamo, *Il-Gaġġa* u *Samuraj* ta' Frans Sammut u dan ir-rumanz li qed nitkellmu fuqu, naraw li t-tweġiba hija negattiva. Fredu Gambin isiefer, Samwel jikkommetti suwiċidju, Leli jiġġennen, l-ibleh isir kif isir u Ġwann Mamo jispiċċa ħażin u jagħmel ħafna għedewwa. Leli l-intellettwali, ma setax jibqa' jikkomunika man-nies tar-raħal; fi kliem ieħor, l-intellettwali m'għandux post ġo Malta raħlija fejn hemm distanza kbira bejn l-intellettwali u l-injurant.

Fl-irtir tiegħu Leli qed jiġġieled ma' żewġ limiti, il-limitu ta' raħal żgħir u magħluq u l-limitu ta' moħħ li jibża' jasal għal xi konklużjonijiet li qegħdin iħawduh bħala riżultat tal-qari.

Ir-raħal ta' Ħaż-Żgħir huwa mimli nies injoranti li fl-injoranza tagħhom qed igawdu ċerta sigurta għalkemm qed igħixu fil-għaks u fit-tbatija. Leli jitwieled u jikber f'dan ir-raħal iżda meta jitgħallem, huwa jsib ruħu magħfus fiċ-ċokon tar-raħal, mhux l-aktar fis-sens ta' spazju iżda fis-sens ta' nuqqas ta' tagħlim. U b'hekk Leli jkollu jiżola ruħu mis-soċjetà li trabba fiha.

"Emminni Sur Kelin! ... Emminni nħoss qalbi tinqasam meta naħseb biss li jkolli nqatta' għomri kollu f'dil-gżira tal-boloħ, b'fommi mitbuq jew jekk nifthu rrid ngħid il-ħmerijiet li jgħidu l-bqija. U ħażin ikun għalija jekk xi darba, b'xi kelma, nižloq fin-niexef."

Dan il-kliem ta' Leli juri l-kunflitt mas-soċjetà li issa ma jikkomunikax aktar magħha. L-irtir ta' Leli quddiem il-kunflitt tal-problema reliġjuża juri li l-awtur ma riedx, la jiċħad it-twemmin nisrani u lanqas il-qari ta' xogħlijiet kittieba kbar, li minnhom wieħed jista' jitgħallem u jiftaħ moħħu. Ellul Mercer jemmen fil-ħtieġa li wieħed jaqra, jitgħallem, jiddiskuti, jistaqsi u jipprova jasal għal xi konklużjoni fuq bażi ta' dan kollu. It-tama ta' l-awtur madankollu hija dejjem li wieħed ma jitlifx il-Fidi. Dan jidher minn kliem is-Sur Kelin li huwa l-bniedem li ma jemminx.

"... kemm hi ħaġa kbira r-reliġjon; u xi jkun tilef min jitlifha!" Ir-rumanz jintemm bix-xewqa ta' l-awtur imqiegħda fi kliem is-Sa Marjann, li Leli jerġa' lura lejn it-twemmin li darba kellu.

"Mulej qabel ma mmut ħaġa waħda nitolbok u la tiċħadhilix; ismagħni, għad illi ma jisthoqqlix; erġa' ressaqli lil Leli tiegħi lejk; erġa' tih dak li tilef ... u jien immut hienja."

Kieku kellna nkomplu dan ir-rumanz forsi konna naslu biex ngħidu li l-irtir ta' Leli huwa dejjiemi: għall-marda tiegħu m'hemmx fejqan. Sakemm Leli jsib is-soluzzjoni, ir-rikonċiljazzjoni bejn it-twemmin u l-ħsibijiet ta' kulturi moderni, u komunikazzjoni fuq bażi intellettwali bejnu u n-nies tar-raħal, l-irtir tiegħu jibqa' jseħħ, il-marda tiegħu tibqa' hemm. Donnu li l-awtur ma jafx fejn hi s-soluzzjoni jew, jekk għandu, jibża' jsemmiha. Iħalli bit-tama li fl-aħħar mill-aħħar, meta wieħed ikun iffaċċjat bi kriżi bħal din, huwa ma jitlifx twemminu.

**2. Għaliex taħseb li l-moviment tas-snin sittin illum tilef l-appell kollettiv tiegħu?**

Hekk ġara u hekk qiegħed jiġri fil-ġrajjiet letterarji li naf bihom. Dan kien l-ewwel, u sa issa l-aħħar, grupp purament letterarju li organizza ruħu b'ideal li ried isegwi. Hu l-leħen tal-kontestazzjoni, il-mezz tal-polemika. Iżda l-poeżija tinħoloq fil-kalma, bla tilwim, bl-umiltà, fis-solitudni, bi tbatija, bla programmi. U l-kejl tagħha m'huwiex kollettiv, iżda singulari; il-valur ma jinstabx fl-organizzazzjoni tal-ġemgħa iżda fil-koerenza ta' kull awtur.

L-appell kollettiv tilef is-sens tiegħu għaliex mill-grupp ħarġu l-individwi li sabu l-identità tagħhom billi nfirdu, immaturaw u skoprew lilhom infushom, fid-distinzjoni u mhux fil-koralità. Daħlet id-delużjoni, li hi solitarja u mbeżżgħa. Min-naħa l-oħra, l-arti hi individwalità; għalhekk il-grupp hu dejjem sforz estern, staġun ta' koxjentizzazzjoni, u għalhekk igħaddi. Meta ż-żmien ikun immatura, bħala mument storiku u kulturali, wieħed jistenna li jissawwar grupp li jesprimi s-sens maħsus mill-bqija, imqar jekk il-bqija jkunu minoranza. Is-sens kollettiv ta' Malta, imsieħeb fis-sens tal-kontestazzjoni studenteska f'għadd ta' artijiet fis-sittinijiet, hu mxettel fin-nervożiżmu ta' min xeba' jistenna t-tiġdid li suppost sar qabel.

**3. X'qiegħed jiġri sewwa sew fil-poeżija li qiegħda tinkiteb f'Malta llum?**

Il-poeżija li tista' tissejjaħ "tas-sittinijiet", hawn meqjusa bħala taħriġ bikri ta' sperimentazzjoni, tat il-frott matur fis-sebgħinijiet u f'dawn is-snin. Il-poeżija hi ħaġa tassew diffiċli u l-poeta jrid ħafna snin biex jitwieled. Il-kurrent ewlieni, tassew kontemporanju, illum hu magħmul minn lirika li reġgħet infatmet miċ-ċerebraliżmu, mill-versi ta' l-intellett kiesaħ, mir-"realiżmu" konkret, iebes u kronakistiku; l-aħjar poeti ta' llum għelbu dawn il-kundizzjonijiet tagħhom infushom ta' żmien il-polemika. It-temi ewlenin huma t-tiftix ta' milja sħiħa tal-persuna, id-delużjoni bil-pajjiż, it-tiġrib tal-pajjiż bħala gżira magħluqa jew bħala raħal li jistieden l-eżilju, is-sens tal-vjaġġ ġewwieni li ma jħaddanx fruntieri, l-għarfien ta' pajsaġġ li m'huwiex aktar turistiku iżda psikoloġiku. Teknikament il-versi nħelsu mill-forom regolari biex inkixfu ritmi ġodda li huma eqreb ir-ritmi ta' persunalità li m'għadhiex tiddefinixxi. Immatura ħafna s-sens tal-kelma, u fl ħdan il-lingwa nstabu mezzi ġodda ta' espressjoni, nieqsa mir-retorika kemm tal-poeti ta' qabel u kemm tal-perijodu tas-sittinijiet stess.

## DR. FRIGGIERI

**minn paġna 11**

Aktar minn riferimenti għall-poeti l-kbar ta' l-Ingilterra, l-Amerika u ċ-ċentri ewlenin, igħoddu r-riferimenti għall-kuxjenza komuni tal-Mediterran. Ma naħsibx li l-ispunti li ttieħdu mid-dinja Anglo-Amerikana kienu awtentiċi; ma kellhomx l-egħruq biex jaqbdu, iżda kellhom biss l-attrazzjoni staġonali li wasslet għat-tiġdid ta' kuxjenza li, fiha nnifisha, m'hix Ingliża jew Amerikana. Il-prova qiegħda tingħata fl-aħjar poeżiji ta' llum. Il-lirika vera li qiegħda tinkiteb illum f'Malta hi qrib ħafna tal-lirika taċ-ċentri ż-żgħar (li ħdejna jibqgħu kbar ħafna) li jħaddnuna f'reġjun wieħed. Qiegħed jerġa' jidher li fil-qiegħ ta' kollox, wara l-polemika meħtieġa, terġa' tixref l-identità qadima, Mediterranea, li tressaqna lejn il-pajjiżi fejn il-passjoni, il-fidi, l-egħluq, id-dipendenza, is-solitudni, it-tiftixa reliġjuża, is-skiet, id-distanza miċ-ċentru, huma kategoriji li ma jistgħux jingħelbu għaliex inħadmu diġà tul l-Istorja.

**4. F'dawn l-aħħar snin inti kellek diversi kuntatti ma' kritiċi mill-kamp internazzjonali, l-aktar mill-Mediterran. Taħseb li l-poeżija moderna f'Malta tista' tinkwadra ruħha fil-mappa internazzjonali?**

Hawn ukoll id-distinzjoni bejn il-motivazzjoni, meħuda mid-dinja Anglo-Amerikana, tas-sittinijiet (il-perijodu ta' l-isperimentazzjoni) u l-kitba matura, imxettla fil-qagħda storika, kulturali u naturali li semmejt (kif dehret mis-sebgħinijiet 'l hawn), tista' twieġeb din il-mistoqsija.

Fil-kungressi li ħadt sehem fihom u fis-sehem tiegħi fid-dinja tal-kritika internazzjonali nħoss il-ħin kollu li l-post naturali tal-poeżija Maltija ta' llum hu wkoll il-post tal-ġeografija ta' Malta: art Mediterranea li ħadet l-identità tagħha mid-dinja li ħakmitha, u l-aktar mid-dinja Latina. Il-poeżija tagħna tidħol fi ħdan il-kwadru ta' poeżija li se tibqa' (għax baqgħet sa issa) personali, u li tispunta dejjem fiċ-ċokon, imbeżżgħa mill-kobor, imgħawma fil-baħar, imġarrba mill-iżolament u kapaċi tasal xorta waħda għas-sublimazzjoni ta' dawn ix-xejriet. Ikollha tibqa' dejjem il-poeżija ta' art li hi gżira u hi żgħira. L-insularità u l-limitu huma t-turment u t-turment hu l-poeżija. F'dan is-sens ukoll nistgħu nsibu s-sħab tagħna fid-dinja Mediterranea.

Iltqajt ma' bosta studjużi minn diversi bnadi tad-dinja, u sibt li l-ispirazzjoni Maltija tiftiehem anki skond sensibbiltajiet li jidhru mbiegħda minna, bħal dik tal-Greċja, ir-Rumanija, il-Jugoslavja, l-Eġittu, Spanja, Franza u oħrajn. Il-"kontinenti" żgħar qrib tagħna, imbagħad, bħal Sqallija u Sardinja, m'humiex biss qrib tagħna; huma bħalna, jew aħna bħalhom.

Il-konklużjoni tiegħi llum tista' tkun din: waqt li l-moderniżmu nbeda bħala ħarsa ta' ammirazzjoni lejn il-kbar nett u mbiegħda, il-moderniżmu sab il-verità tiegħu billi rritorna lejh innifsu, sar Malti billi għaraf l-egħruq storiċi u attwali tiegħu. F'dan is-sens il-poeżija tagħna għadha dak li għadna aħna bħala Maltin: poplu reliġjuż, sentimentali, passjonali, personali, qrib in-natura, solitarju, magħluq fih innifsu, marbut ma' l-egħruq u mħawwad bihom u fihom. Il-fil Malti u l-fil reġjonali jistgħu jiltaqgħu u jidhru bħala xejriet li huma mnisslin f'ħamrija waħda: il-Mediterran li ma jistax jinsa l-qedem, għaliex ikun qiegħed jinsa lilu nnifsu. Għalhekk ukoll jista' jingħad li waqt li l-poeżija tradizzjonali fittxet il-qadim f'dak li hu storiku, il-poeżija reċenti qiegħda tfittex l-istess billi tfittex l-etern, il-fundamentali (li mhux biss hu qadim, iżda wkoll "eqdem"). Il-bażi tal-moderniżmu tagħna, mela, tinstab fl-Istorja.

Fuq il-livell ta' analiżi kollha kemm hi letterarja, dan ifisser li wieħed irid isib għala l-poeżija ta' llum hi romantika fis-sens aġġornat; ir-romantiċiżmu jitbiddel f'qagħda neċessarja u l-moderniżmu jixref bħala qagħda staġonali. Fi kliem kritiku, il-kontenut hu romantiku u l-forma hi l-effett taż-żmien li jadatta l-kontenut li hu preżenti dejjem. Il-konklużjonijiet li nista' nasal għalihom b'analiżi letterarja jġegħluni nissuspetta li f'Malta l-bidla mill-qiegħ ma tistax isseħħ, u l-poeżija għalhekk tesprimi bil-metodi ġodda tagħha l-eqdem ħaġa: it-tkomplija, l-eternità ta' gżira żgħira u maqtugħa għaliha. Il-lirika ta' llum (dik li bil-kriterji aġġornati hi xhieda tas-sensibbiltà poetika kontinentali, dinjija ta' llum) tissuġġerixxi li t-tiftix u s-sejba huma l-istess. Il-letteratura tistrieħ fuq il-forma, u l-forma hi tibdil. Il-poeta jħares ġewwa fih daqskemm madwaru, isiefer u jirritorna biex jerġa' jsiefer. Mill-konfront bejn l-eternità tal-kontenut u t-tibdil tal-forma jista' jiftiehem it-turment ta' l-aħjar poeti moderni Maltin. Hekk ukoll tiftiehem l-ansjetà tagħna bħala parti minn ansjetà tipika tal-lirika ta' bosta artijiet tal-Mediterran illum.

---

*Bibljografija ta' xogħlijiet ta' l-istess awtur:*

*Kittieba ta' Żmienna* (2nd ed., 1976)
Saġġi Kritiċi (1979)
*Storja tal-Letteratura Maltija*, I (1979)
*Cross Winds* (1980)

tranżitorja u mhux ta' dejjem. Tista' tkun kuntent illum imbagħad in-nies jagħmlu xi ħaġa u dik il-kuntentizza jneħħuhielek. Jiġifieri din in-novella ktibtha għax peress li kont f'kuntentizza, din nisslet ġo fija li l-kuntentizza tista' tispiċċa, u fil-fatt veru spiċċat.

"Ġurdien" ħarġet minn osservazzjoni attwali. Kont noqgħod fi flatt f'Ħal Qormi, u darba qiegħed ġo veranda u rajt xi tfal jiġru wara ġurdien u jattakkawh. Minn hemm ħarġet dik in-novella li forsi naħseb hija waħda mill-aħjar tiegħi. Il-ġurdien huwa s-simbolu ta' l-individwu fis-soċjetà. Għalkemm ma tidhirx hekk, dak li jkun jikkunsidraha novella sempliċi, imma hija novella simbolika. Is-simbolu ta' l-individwu fis-soċjetà huwa ppersegwitat, ma jistax igħix bi kwietu. Forsi dan juri li għandi moħħi jbati mill-persekuzzjoni fil-kitba għallinqas; ma tantx fil-ħajja; imma fil-ħajja nittendi li nieħu l-affarijiet koroh iżjed mill-affarijiet sbieħ.

"Nemes" (1968–1969). Din ispirata mill-attwalità. Darba, ħabib tiegħi ħadni sal-Kunċizzjoni, l-Imtaħleb. Kien Mejju, jew Ġunju, l-isbaħ żmien ta' Malta, mimli ħdura ... u rajtha sabiħa wisq il-kampanja. Din il-ġirja li morna tant impressjonatni illi ħassejt li rrid niddeskriviha. Li ġara veru f'"Nemes" hu dan: f'"Nemes" hemm il-bniedem li qed jipprova jixtri biċċa art u jmur għand waħda xiħa. Veru kienet qed tipprova ssir din u rreġistrat f'moħħi dik ix-xena kollha. Wara, kont qed nitkellem ma' xi ħadd tal-kampanja u kien diġà ġieni l-ħsieb li niddeskrivi dan il-bniedem bħala sangisug qed jerda' d-demm. Però, qed nitkellem ma' dan tal-kampanja u staqsejtu jekk hemmx xi annimal li jagħmel hekk u qalli li hemm in-nemes. It-tip ta' annimal li mhux hu biss hu sangisug iżda hu t-tip ta' annimal li jgħix fuq annimal ieħor b'ċertu sens. In-nemes x'jagħmel? In-nemes igħix fuq il-fenek, jidħol fit-toqba fejn ikun il-fenek u l-fenek jibża' minnu u joħroġ jaħrab, imbagħad jibda jiġri warajh. Il-bniedem, għax dan moħħu jilħaqlu, il-kaċċatur jaqbad in-nemes u jmur bih għall-kaċċa, u jitilqu fejn jaf li hemm il-fenek, in-nemes jidħol fit-toqba tal-fenek, il-fenek joħroġ jiġri u l-kaċċatur jisparalu.

F'din in-novella hemm il-bniedem li jrid jixtri biċċa proprjetà; imma iżjed importanti minn hekk, u dak huwa n-nemes, għandek is-sensar illi hu bniedem illi ħadu għand il-bidwija; hemm in-nemes, imma dak huwa wieħed mis-simboliżmu tan-nemes; it-tieni, dik hija miktuba biex tiddeskrivi l-pajsaġġ Malti. Infatti meta Paul Xuereb għamel ir-reċensjoni tal-ktieb fis-*Sunday Times* iddeskriva din in-novella aktar bħala poeżija fuq il-pajsaġġ Malti milli novella.

# • Anatomija

minn paġna 10

Jiena nħoss li hija novella wkoll, imma fiha hemm deskrizzjonijiet li huma għal qalbi. Għax fil-fatt fin-novelli tiegħi ma tantx issib deskrizzjonijiet. Id-deskrizzjonijiet fil-fatt issibhom kważi biss fid-dħul ta' "Ħala taż-Żgħożija" u f'"Nemes". Issibhom f'"Nemes" għal dawn iċ-ċirkostanzi li għidt u ssibhom fid-dħul ta' "Ħala taż-Żgħożija" għax żidthom meta kont erġajt ktibtha. Kien l-istess żmien li kont ktibt "Nemes", meta kont għadni influwenzat mis-sħubija ta' dawk l-inħawi, taċ-*Chadwick Lakes* u dawk il-postijiet.

"Wiżgħa": – Dan mhux inċident veru; huwa sempliċement l-ironija tal-ħajja; il-kuntrast bejn dak li jidher u dak li ma jidhirx, dak li taħseb u dak li hu. U kultant il-fatt li dak li taħseb tant hu assurd, ma jistax ikun imma mbagħad possibbli li jkun veru. Hemmhekk ridt nuri wkoll kemm hi frivola l-massa. Il-massa malajr tiġġudika, malajr tieħu impressjoni u malajr terġa' ddur, anki jekk fil-fatt l-ewwel impressjoni tagħha, kieku qagħdet taħseb naqra, kienet tgħid: 'Isma'! Dik l-impressjoni tista' tkun veru!' Il-massa hekk magħmula. tiġġudikak malajr, tħobbok malajr, imbagħad l-imħabba ddur malajr, u tikkundannak malajr. Jew inkella bil-maqlub, l-ewwel tikkundannak malajr, imbagħad jiddispjaċiha għalik. Din hija waħda min-novelli li għandi għal qalbi.

"Mass Meeting" ġietni f'*mass meeting* veru. Jiena kont fil-politika u kont nieħu sehem f'*mass meetings* u laqtitni hekk l-idea tal-massa quddiemi u ta' kandidat ġdid li jaqlibha lil wieħed iżjed avvanzat minnu. Kif igħid il-Malti, "Il-musmar il-ġdid jaqla' l-qadim". M'hemm xejn profond fiha.

"Riħ Qalb il-Lellux" bdejt niktibha bħala novella twila, anki forsi bħala rumanz, imbagħad sibt li inutli toqgħod iġġebbed għax dak li kelli ngħid għidtu fil-qosor tagħha. Mhix qasira dik, imma ċertament mhix rumanz għalkemm setgħet kienet rumanz. Dik hi interessanti għax għal darb'oħra m'hemm xejn attwalità fiha ħlief iċ-ċirkostanzi. Dik hija novella miktuba fl-1970 meta l-*property boom* dak iż-żmien kien fl-aqwa tiegħu. Kien jimpressjonani u b'dak l-ambjent daħlet l-idea tas-sinjuri ġodda (*nouveaux riches*), u bdew jidħlu l-ħsibijiet tiegħi li l-ħsibijiet ta' dak li jkun jitbiddlu jekk kemm il-qagħda soċjali, kif ukoll dik ekonomika tiegħu titbiddel. Dik turi kif beda jitbiddel il-ħsieb ta' Tereża li minn mara ta' impjegat, meta mbagħad beda javvanza, l-ispirazzjonijiet tagħha bdew jitilgħu u bdew jiżdiedu ċerti ironiji li jidħlu meta jkollok dawk iċ-ċirkostanzi. Fil-fatt hija waħda mill-aktar novelli ironiċi li ktibt. Infatti din in-novella tispiċċa bit-tieġ ta' waħda minn uliedha. Is-sinjura Tereża moħħha biex tidher mill-aħjar quddiem kulħadd u turi x'tieġ għandha, u b'danakollu, imbagħad ir-raġel tagħha jispiċċa biex jisker u jwaqqa' daqshekk fil-baxx lill-familja tiegħu. Din kienet apposta u mhux b'kumbinazzjoni li kien siker. Bniedem tassew timidu u mistħi li l-unika protesta li seta' jagħmel kienet permezz ta' xi ħaġa daqstant bla sens illi jispiċċa biex siker.

•jissokta f'ħarġa oħra

**L-ambizzjoni żejda bħala mottiv għat-traġedja**



# Semantika (1)

minn GEORGE DOUBLESIN

## Ir-Rabta bejn Kelma u Sens

IS-SEMANTIKA hi dik il-fergħa tal-lingwistika li tistudja t-tifsir. Biex inkunu aktar preċiżi nistgħu ngħidu li s-semantika tistudja r-rabta bejn il-kelma (il-forma) u s-sens. Naraw għalhekk illi s-semantika hija l-aktar livell astratt tal-lingwistika. Hemm qabża kbira bejn is-semantika u l-fonetika li hi l-aktar livell konkret u għalhekk livell li jista' jiġi studjat b'reqqa, u b'eżattezza xjentifika, u li għalih ġie żviluppat bosta apparat li jqis u jirreġistra l-ħsejjes li jipproduċi l-bniedem meta juża l-lingwa, jiġifieri jitkellem. Għall-kuntrarju s-semantika taħdem f'livell hekk astratt li xi lingwisti tnaffru minnha għax qalu (u forsi bir-raġun) li ma jistgħux jaraw kif tista' tiġi studjata "xjentifikament".

Nerġgħu naqbdu d-definizzjoni: "is-semantika hi dik il-fergħa tal-lingwistika li tistudja r-rabta bejn il-kelma (il-forma) u s-sens", u nibdew billi niċċaraw xi kliem li użajna fid-definizzjoni. Il-kelma għandha 'forma'. F'dan l-artiklu, stampat fuq karta, il-forma li qed tieħu l-kelma hi *grafemika* – sensiela ta' ittri. Kieku dan l-artiklu kellu jinqara b'vuċi għolja kull kelma tieħu forma *fonetika* – ħsejjes li jgħaddu fl-arja, forma ta' mewġ sakemm jaslu f'widnejn is-semmiegħ.

Għidna wkoll li teżisti rabta bejn il-kelma (il-forma) u s-sens tagħha. Inżidu ngħidu li din ir-rabta hi reċiproka u taħdem f'żewġ direzzjonijiet. Nistgħu nuru dan b'dijagramm sempliċi għall-aħħar

k ◄——————► s

fejn il-vleġġa b'żewġt irjus turi li l-kelma tintrabat f'moħħ il-bniedem ma' sens, hekk kif sens (ċoè kunċett f'moħħ il-bniedem) jintrabat ma' kelma. Din ir-rabta semantika hi arbitrarja. Jekk il-kelma *siġġu* tfisser għalina l-Maltin 'biċċa għamara bid-dahar u erba' saqajn li l-bniedem juża biex ipoġġi bil-qiegħda fuqha', dan għaliex aħna ċ-ċittadini ta' Malta ftehimna u ntrabatna b'kuntratt soċjali li nagħtuha dan is-sens. Ma hemm xejn fil-ħoss jew fil-forma grafemika tal-kelma *siġġu* li jorbotha b'mod naturali ma' dan is-sens. L-element arbitrarju (kapriċċuż, jekk jogħġbok tgħid hekk) ta' din ir-rabta joħroġ ċar mill-fatt li l-Ingliżi jużaw ħoss, u forma miktuba, ferm differenti biex jirreferu għall-istess sens; jużaw *chair*. Mhux biss, iżda bil-ħoss /ʃed/ (Malti *xedd*, Ingliż *shed*) aħna l-Maltin u l-Ingliżi nirreferu għal sensi li huma kważi l-maqlub ta' xulxin.

Għalhekk din ir-rabta: kelma (forma) ◄——► sens, ma hix waħda li ma tistax tiġi spustjata jew żviluppata, biex ma ngħidux ukoll imħassra. L-importanti hu li dan l-iżvilupp isir fuq bażi nazzjonali, jew għall-anqas reġjonali.

Il-formula: kelma (forma) ◄———► sens, li qed nagħmlu għall-qofol tas-semantika, tidher eleganti fis-sempliċità tagħha. Iżda lsien il-bniedem hu biċċa għodda komplessa ferm. Għalhekk sabiex nirriflettu u nkunu nistgħu nlaħħqu ma' din il-komplessità u nfissruha jeħtiġilna nespandu din il-formula fiż-żewġ direzzjonijiet.

k ⇉ s, s, s       k, k, k ⇉ s

Il-formula fuq ix-xellug se taqdina biex nuru l-*polisemija*, jiġifieri l-fatt lingwistiku li bosta kliem għandu aktar minn sens wieħed; il-formula fuq il-lemin turi kif il-kelliem jista' jkollu aktar minn kelma waħda li taqdih biex jirreferi għal sens partikolari – fatt magħruf fil-lingwistika bħala *sinonimija*.

Il-polisemija hija fenomenu lingwistiku li jitħaddem ħafna fil-lingwa. Billi lilna jinteressana l-Malti, b'mod partikolari, l-eżempju se nġibuh minn ilsienna, fejn il-polisemija hi fatt ta' kuljum. Il-kelma *ras* għandha diversi tifsiriet, fosthom:

a) is-sehem ewlieni f'ġisem il-bniedem;
b) sehem minn ħaxixa, eż.: *ras tewm*;
ċ) biċċa art li toħroġ fil-baħar, eż.: *Ras Ħanżir*;
d) kap, mexxej aktarx ukoll għaref;
e) bidu ta' żmien tas-sena, eż.: *ras ir-Randan*;
f) titlu ta' artiklu ta' gazzetta jew rivista.

Xejn inqas komuni u mifrux huwa l-fenomenu l-ieħor tas-sinonimija. Li ma kienx għal dan il-fatt lingwistiku, kieku aktarx li ma nistgħux nitkellmu dwar l-*istil* ta' kittieb, għaliex l-istil jassumi li l-kittieb meta jifforma kunċett f'moħħu, jibda jgħarrex għal kelma li torbot mas-sens li jrid jesprimi, isib aktar minn waħda u jagħżel dik li jidhirlu hi l-aktar xierqa skond ma jiddettalu s-suġġett li dwaru qed jikteb. Hekk waqt li qed jiddeskrivi l-figura ta' bniedem, il-kittieb jislet mill-ġemgħa ta' kliem maħżuna f'moħħu: *oħxon, mġissem, mbaċċaċ, mibrum, minfuħ* u forsi anki *mpaħpaħ*.

Hemm ħafna x'wieħed jista' jżid igħid dwar is-sinonimija. Fost ħwejjeġ oħra xi studjużi tas-semantika kitbu li m'humiex konvinti li teżisti sinonimija fil-lingwa. Qalu li ma jeżistux żewġ forom b'sens identiku li jitħaddmu bl-istess mod – li tista' taqla' kelma minn postha f'sentenza u ddaħħal kelma oħra 'sinonima' tagħha bla ma tibdel is-sens. Dan l-argument, għalkemm validu tabilħaqq, ma jġagħalniex inwarrbu l-kunċett tas-sinonimija, iżda jfakkarna li s-sinonimija hija parzjali – att assoluta. Hekk insibu li l-lista ta' sinonimi mogħtija aktar 'il fuq tista' tiġi ordnata jew gradata skond skala:

[l-inqas offensiva] - - - - - - - - - - - - ► [l-iktar offensiva]

*mibrum, mġissem, mbaċċaċ, oħxon, minfuħ, mpaħpaħ*

## ĦITAN minn paġna 2

JEKK kien tassew li f'Pariġi dik it-tfajla ta' fuq il-vapur rat il-preġudizzji fl-għajnejn u l-għemil ta' min kienet taf f'dik il-belt waqt l-istudji tagħha, ma setax jagħti l-każ li kienet ippreġudikata hija wkoll – kontra dawk li kienet tisthajjilhom ippreġudikati kontrieha għax kienet Lhudija?

Jekk il-ġenoċidju Hitlerjan tal-Lhud kien mingħajr dubju wieħed mill-agħar episodji fl-istorja tal-bniedem kemm ilu fuq wiċċ din l-art, x'ser iżommu l-preġudizzju, jekk tħallih, milli jwasslek biex tikkundanna lill-Iżraeliti tal-qedem għall-massakru ġenoċidju tal-Kananiti?

Jogħlew kemm jogħlew, u jserbtu kemm iserbtu l-ħitan, l-għażla bejn sewwa u dnewwa tinsab f'idejn – u f'qalb – kull wieħed minna. Jew nissuktaw nibnu l-ħitan tal-mibegħda, tal-firda, ta' l-intolleranza, tal-preġudizzji, jew inkella nagħmlu ħilitna biex inġarrfu dawk li ġa jeżistu, għax, bħal Albert u Ester, u aktar tard, Rakele, aħna nixtiequ fil-fond ta' qalbna li naqbdu id dak li jkun fuq in-naħa l-oħra, waqt li ngħidulu: "Jien naħfirlek kif nittama li int taħfer lili, għax jien miniex ħati inqas minnek. Wara kollox, jien u int mhux fl-istess ilma tal-kundizzjoni umana ninsabu? U għalhekk, għax għandna nħallu l-mibegħda u l-preġudizzji jifnuna u jeqirduna t-tnejn li aħna, u magħna, oħrajn, fosthom min hu forsi ferm inqas ħati minna? U dan meta l-potenzjalità, u r-rieda, għall-imħabba qiegħda ġewwa fina wkoll, tbaqbaq u lesta biex twennisna u tfarraġna fit-telgħa iebsa tal-ħajja. Ħabib."

J'ALLA dik it-tfajla tal-vapur, ta' 23 sena ilu, għarfet iġġarraf, bħalma għamlet il-familja tan-Nannu, dawk il-ħitan li kienu qegħdin jifirduha mill-għarfien pożittiv kemm ta' għajrha daqs kemm tagħha stess.

J'Alla għarfet tilqa' l-preġudizzji f'ħaddieħor, mhux b'xi preġudizzji ġodda tagħha, imma b'mogħdrija, għax bħal Rakele, tkun tgħallmet *tifhem* li s-saħħa u d-debbulizzi jinsabu spalla ma' spalla f'kull bniedem.

Hi fejn hi bħalissa Bernice – *Sliem.*

*[1]Il-kittieb ta' dan l-artiklu, li jinzerta hu wkoll l-awtur ta' Ħitan, jixtieq jagħmilha ċara li, għalkemm hu għandu kull dritt daqs ħaddieħor li jinterpreta x-xogħol tiegħu stess, ma jixtieqx li l-impressjonijiet tiegħu fuq id-dramm ifixklu jew inaqqsu b'xi mod l-interpretazzjonijiet personali tal-qarrejja. Spiss jinzerta l-każ li l-kittieb huwa minn ta' l-aħħar biex jinduna b'ċerti ħsus li jkunu ħarġu għal kollox mis-subkonxju tiegħu, jew, biex ngħidu hekk, istintivament. Irid ikun xi ħadd 'il barra minnu biex jagħrafhom talli huma u jiżinhom oġġettivament fid-dawl tat-tematika u l-iżvilupp tad-dramm.*

## IL-PERSPETTIVA STORIKO-KULTURALI noti minn paġna 6

14. Ara, V. Laurenza, *Il Contributo di Malta alla letteratura italiana* fil-"Giornale di Politica e di Letteratura", fasc. 11 12, Roma, 1934, u wara fil-volum *Civiltà maltese* ta' awturi varji, Roma, 1940, pp. 189–238. Laurenza jiġbor l-awturi kollha f'sezzjonijiet skond is-seklu li għexu fih.

15. Ara, Ġ. Cassar Pullicino, *Kotba u Kittieba tal-Malti*, vol. I, Malta, 1962, li jirrakkonta l-istorja tal-letteratura Maltija fis-seklu tmintax, b'tagħrif qasir fuq iż-żmenijiet ta' qabel u fuq G.F. Abela.

16. Il-*Cantilena* nstabet minn G. Wettinger u M. Fsadni fl-1966 fost xi karti vojta f'reġistru ta' atti notarili tal-1533–36 (L-Arkivju Notarili, Valletta, R. 1751). Il-fatt ifakkar fl-użanza tan-nutara Bolonjiżi li kienu jikkopjaw poeżiji fil-*Memoriali* bejn l-aħħar seklu XIII u l-bidu tas-seklu XIV. Mill-punt lingwistiku l-*Cantilena* hi tassew prezzjuża, għax peress li hi l-unika xhieda tal-ilsien lokali qabel il-wasla tal-Kavallieri, turi diġà lsien li qed jiżviluppa f'mod awtonomu mill-Għarbi, għalkemm inkitbet biss mitejn sena wara li l-Għejjer tagħna ġew meħlusa mill-Għarab. Barra minn dan, ir-rubrika Latina tagħha turi l-għarfien ta' din l-awtonomija, għax il-kopista jiddikjara "quam lingua melitea hic subicio" (l-atti huma miktubin bil-Latin).

17. L-ewwel stamperija dahlet fil-gżira fl-1642 u kienet ta' wieħed Sqalli li kien jippubblika biss libretti reliġjużi, u mill-ewwel il-Kavallieri fethu waħda għalihom. Fl-1694 ix-xogħol tal-istampar waqaf u ma reġax beda ħlief fl-1756. Fl-ewwel snin tal-gvern Ingliż l-unika stamperija miftuħa għall-pubbliku kienet tal-Gvern, għax il-permess li jkollok stamperija kien jingħata biss lill-għaqdiet missjunarji protestanti. Il-libertà tal-istampa, mogħtija fl-1838, faqqgħet battalja ideoloġiko-politika bejn fazzjonijiet interessati li jagħmlu l-gżira bażi ta' propaganda biex jitqassmu fuljetti fl-Italja (bħall-għaqda *Giovine Italia*, jew ir-Re ta' Napli) u bejn fazzjonijiet oħra li riedu jirbħu l-erwieħ tal-Maltin: il-gvern Ingliż bil-propaganda politiko-reliġjuża tiegħu minn naħa u l-Vatikan, li ried isaħħaħ il-fidi Kattolika, mill-oħra. Ġara li fi żmien tmien xhur biss f'Malta kienu qed jistampaw 82 pubblikazzjoni, u, għall-ħabta tal-unifikazzjoni tal-Italja, in-numru qabeż il-mitejn (ara B. Fiorentini, *Malta rifugio di esuli e focolaio ardente di cospirazione durante il Risorgimento italiano*, Malta, 1966, pp. 37–53).

18. M.A. Vassalli, *Ktyb yl klym Malti mfysser byl Latin u byt Talyan ... Lexicon ... Vocabolario maltese*, Roma, 1796.

19. Għall-istorja tal-letteratura Maltija fis-seklu dsatax huma fondamentali ż-żewġ taqsimiet tat-II volum ta' *Kitba u Kittieba tal-Malti* ta' Ġ. Cassar Pullicino, Malta, 1964.

20. "L-istorja ta' l-ilsien Taljan f'Malta fis-snin l-imgħoddija, flimkien ma' l-istorja ta' l-Ingliż fi żminijietna, jagħtu flimkien l-isfond letterarju tal-produzzjoni poetika Maltija", Ġ. Aquilina fil-prefazzjoni tal-ewwel edizzjoni ta' l-antoloġija *Il-Muża Maltija*, Malta, 1948; wara fil-ġabra *Studji Kritiċi Letterarji*, Malta, 1949, p. 11. Ara wkoll, pp. 38–39 tal-istess ktieb.

21. F'dan il-perijodu, il-kwistjoni l-aktar taħraq kienet tal-ortografija (ara, Aquilina, *Papers*, pp. 75–101b). Rigward id-disprezz tal-klassijiet għolja u kolti lejn il-letteratura fl-ilsien ta' kuljum, hemm bżonn li nżommu quddiem għajnejna li l-fenomenu jinstab kullimkien, l-aktar fiż-żoni tal-fruntiera (u wara kollox dawk il-ftit li jridu jwebbsu rashom anki llum, ħadd ma jindaħlilhom). Dak li jgħodd huwa l-atteġġament tal-kittieba li narawh miġbur b'mod l-aktar milqut fil-kwartina li tiftaħ sunett satiriku ta' G.A. Vassallo: "Persone politissime, a disdegno / Deh! non abbiate ch'in maltese io scriva; / che se di voi nol istimate degno, / pel popolo alcun pro se ne deriva". L-eżempju ta' Vassallo, professur tat-Taljan, juri biċ-ċar li l-Malti kien ikompli jiżviluppa id f'id mat-Taljan xejn inqas milli għamel ma' l-Ingliż fis-seklu għoxrin. Il-każ kien ikun differenti biss li kieku Malta ġiet magħquda politikament mal-Italja, għax allura l-Malti kien isib ruħu fl-istess kondizzjoni bħad-djaletti Taljani, li kellhom jiġu ssagrifikati biex jagħmlu post għal-lingwa waħda. F'dan il-każ ir-relazzjoni bejn il-Malti u t-Taljan ma kenitx tkun iżjed dik bejn ilsien lokali u lingwa tal-kultura (jew aħjar lingwa ta' kumnik azzjoni ma' barra, indispensabbli hawn u għalhekk aċċettata kemm jekk tkun l-Ingliż kemm jekk it-Taljan), imma kien ikun dak, bil-wisq differenti, bejn lingwa unitarja u lingwa lokali. Dan ir-raġunar, li għandu biss l-iskop li ma jgħawwiġx il-perspettiva ta' fatt purament lingwistiku u kulturali li b'xorti ħażina kien jintuża għal motivi politiċi, ma jqisx m'għandniex xi ngħidu l-importanza jew is-siwi ta' din il-lingwa jew l-oħra fil-kuntest tal-lum.

22. Minn mindu nkiteb dan l-istudju (bħala introduzzjoni għal *Orizzonti senza fine*, l-antoloġija ta' poeżiji bil-Malti maqlubin għat-Taljan minn V.M. Pellegrini, Valletta, 1975), Oliver Friggieri daħal b'reqqa kbira f'dan l-aspett tal-letteratura Maltija f'ħafna artikli u kotba bħal: *Il-Kultura Taljana f'Dun Karm*, Malta 1976, *Storja tal-Letteratura Maltija*, Malta 1979, *L-evoluzzjoni storika tar-rumanz Malti*, f'"*Saġġi Kritiċi*" 1979, *L'esperienza leopardiana di Karmenu Vassallo*, Milazzo, 1983; *Gian Anton Vassallo; l'introduzione dell'eredità romantica italiana nelle poesie maltesi*" Napoli, 1981.

23. L-għadd tal-kittieba Maltin li kitbu biss bit-Taljan hu akbar minn dak ta' l-awturi bilingwi, imma fost dawn insibu wħud min-nies l-aktar prestiġjużi li fittxew l-affermazzjoni tal-lingwa Maltija fil-ġeneri letterarji kollha: Ġ.A. Vassallo (storja u poeżija), A. Testaferrata-Abela (teatru), Ġ. Muscat-Azzopardi (poeżija u proża), F. Panzavecchia (storja), A. Ferris (storja u qari popolari).

24. F'poeżija mżewqa bl-awto-ironija, Ġ. Muscat-Azzopardi wera l-kuntrast bejn l-inġenwità ta' tfajjel ħerqan li jemmen fl-ispirazzjoni faċli u l-għarfien tal-istinkar kulturali fil-poeta matur: ara, "Il-Muża", strofi 4, 8 u 9 fil-*Muża Maltija* ta' Ġ. Aquilina, pp. 45–46.

25. Il-għidiet politiko-lingwistiċi huma konsegwenza tal-formazzjoni tal-Istati nazzjonali li ħassew il-bżonn ta' tip ta' lingwa waħda li tgħaqqad lil kull min igħix f'pajjiżi kbar fejn in-nies jitkellmu ħafna djaletti differenti. Minn nofs is-seklu XVIII 'il quddiem, il-lingwi saru simboli ta' unità nazzjonali għal skopijiet politiċi (ara De Mauro, T., op. cit., pp. 1–9, 273). Fuq il-fattur soċjo-lingwistiku fil-poeżija Maltija, ara, F. Sammut, *New Directions in Maltese Poetry*, "Hyphen" 1982 III, 2, pp. 78–88; fuq it-tibdil formali, ara, O. Friggieri, *Il-Poeti Moderni Maltin – Tradizzjoni, Żvantaġġ Storiku u Bidla mill-Qiegħ*, "Hyphen" 1981 II 6, pp. 256–62; u fuq il-fattur ontoloġiku u psikoloġiku, ara J. Vella, *Il-Poeżija Maltija: Dak li jinbidel u dak li jibqa'*, "Hyphen" 1981 III 1, pp. 16–23.

26. Kienet ħarġet rivista oħra bl-istess titlu fl-1843 mill-Addademja Filoloġika, imma din ma dametx toħroġ. Għall-kuntrarju, *Il-Malti*, il-perjodiku uffiċċjali tal-*Għaqda* li ħareġ għall-ewwel darba fl-1925 għadu joħroġ sal-lum.

27. Dun Karm ippubblika *Foglie d'Alloro* fl-1896, u kiteb l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti fl-1912. Xi poeżiji tiegħu daħlu fl-antoloġija ta' O.F. Tencajoli, *Poeti maltesi d'oggi* (Malta, 1932), li fiha biss poeżiji bit-Taljan miktuba direttament minn poeti Maltin (jiġifieri mhux fit-traduzzjoni). Ġabra oħra ta' poeżiji tiegħu bit-Taljan ħarġet fl-1954 bit-titlu *Liriche*, miġbura minn Giovanni Curmi. Ara wkoll, *La Poesia italiana di Dun Karm*, ta' Alfons Sammut fil-"Journal of the Faculty of Arts", vol. VI, n. 2, 1975, u O. Friggieri, *Il-Kultura Taljana f'Dun Karm*, Malta, 1976.

28. Anki Cuschieri jidher fl-antoloġija ta' Tencajoli.

# ŻEWĠ RAPPORTI TA' L-EŻAMINATURI
## Sessjoni Novembru/Diċembru, 1982

Dawn ir-rapporti jiswew mitqilhom deheb għall-istudenti li se jagħmlu l-eżami ta' Novembru, għal dawk li se jagħmluh f'Ġunju tas-sena d-dieħla u għal dawk l-istudenti fit-Tielet Klassi Sekondarja li jridu jibdew jaħsbu bis-serjetà għall-eżami tal-Matrikola 'l quddiem. Fihom ħafna suġġerimenti prattiċi sew għalihom kif ukoll għall-għalliema. Mhix l-ewwel darba li ltqajna ma' studenti li qalulna li l-għalliema tagħhom qatt ma semmewlhom xejn fuq dawn ir-rapporti għalkemm ikun wasal diġà l-eżami.

Min-naħa tagħna se ntukom kemm nistgħu minnhom u nżidu wkoll is-suġġerimenti tagħna għalikom l-istudenti, għalikom l-għalliema u – għala le?! – anki għall-eżaminaturi. *(Il-Bord Editorjali)*

### Ir-Rapport fuq il-Livell Ordinarju

kummenti minn ĠORĠ MIFSUD

Ħarsu sewwa lejn din it-tabella:

| Il-Grad | Kandidati bil-Grad | Persentaġġ tal-Kandidati kollha | Persentaġġ ta' li Għaddew |
|---|---|---|---|
| 1 | 4 | 0.479 | 0.973 |
| 2 | 39 | 4.671 | 9.489 |
| 3 | 129 | 15.449 | 31.387 |
| 4 | 123 | 14.731 | 29.927 |
| 5 | 116 | 13.892 | 28.224 |
| F | 424 | 50.778 | |
| TOTAL | 835 | 100.000 | 100.000 |

Għalija bħala għalliem u għalikom bħala studenti din hija tabella allarmanti ħafna. Tixhed li għaddew biss 49.222%, inqas min-nofs. *Ir-raġunijiet* li jsemmu l-eżaminaturi huma ħamsa:

1) nuqqas ta' maturità,
2) nuqqas ta' kjarezza fil-ħsieb,
3) nuqqas ta' qari bil-Malti,
4) ortografija batuta,
5) studju ta' noti bl-amment li joħorġu lill-istudent barra mis-suġġett.

Ma' dan jidhirli li tidħol *ir-raġuni ewlenija* li ħafna studenti qed jagħmlu l-Malti f'dan il-Livell (u s-suġġetti l-oħra kollha) mhux għax veru jħobbu l-Malti imma biex "neħles minnu". Hija l-marda tal-mentalità Maltija milli tal-Lingwa Maltija biss. Wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li la l-eżami sar f'Novembru/Diċembru, ma hemmx warajh it-thejjija sħiħa ta' sena skolastika, imma t-tferfix ta' l-erba' xhur sħan tas-Sajf.

#### L-Ewwel Karta

Fit-taqsima tal-komponiment l-aktar suġġetti li ntgħażlu kienu wieħed narrattiv, l-ieħor deskrittiv u l-ieħor espożitorju. Dan jerġa' jirrifletti l-bżonn qalil li għandhom l-istudenti li *jibdew* jaqraw. Kif igħidu l-eżaminaturi, "F'età hekk żgħira, il-kandidati ma jistgħux iserrħu fuq l-esperjenza tagħhom personali. Ħafna minn dawk li jiktbu, iridu jġibuh mill-kotba fuq l-esperjenzi ta' ħaddieħor".

Fuq il-komponiment ukoll, hemm żewġ kummenti oħra importanti:

1) "komponiment tajjeb b'ortografija ħażina ma jistax jieħu ħafna marki";
2) "Hemm bżonn li l-kandidati ikunu *(sic)* jafu x-xhur, l-istaġuni, l-irjieħ, u ħwejjeġ oħra bħal dawn mhux biss bl-Ingliż, imma wkoll bil-Malti".

Fuq hekk nissuġġerixxi lill-istudenti biex jitħarrġu *fuq il-kotba kollha* li hemm imsemmija fis-Sillabu ta' l-Eżami għax fihom hemm il-mezz ewlieni biex jingħelbu dawn it-tliet diffikultajiet.

Mit-taqsima tas-silta tal-proża joħorġu żewġ kummenti ewlenin:

1) "Aktarx li l-kandidati ma kinux imħarrġin biżżejjed fuq it-tqassir ta' kitbiet letterarji";
2) "..għalkemm ħafna mill-kandidati għandhom idea vaga tat-termini grammatikali, ma kinux imħarrġin biżżejjed".

Hawnhekk hawn bżonn l-użu sħiħ tal-kotba tas-Sillabu fl-ewwel karta biex mis-silta jinqatgħu "barra r-ripetizzjonijiet u d-dettalji żejda", u fil-grammatika l-istudenti jagħrfu "janalizzaw il-kelma biex jiktbuha kif jixraq".

Il-kummenti fuq it-traduzzjoni m'humiex twal, imma importanti ħafna: "Il-kandidati juru mhux biss li m'humiex *konxji* biżżejjed ta' l-ilsien nattiv tagħhom imma f'ħafna u ħafna każi lanqas biss m'għandhom *għarfien* nattiv ta' lsienhom". Jiġifieri, fi kliem sempliċi, l-istudenti tal-Malti, li jitkellmu, suppost bil Malti, ma jafux il Malti! La jitħaddtuh u lanqas jiktbuh! Hawn joqgħod suġġeriment f'waqtu li jkun hemm lezzjoni barranija kull ġimgħa fejn l-istudenti u l-għalliem joqogħdu jiddiskutu u jitħaddtu flimkien. Il-Malti orali għaddej minn marda agħar mill-Malti miktub.

#### It-Tieni Karta

Il-kummenti ta' l-eżaminaturi fuq din il-karta huma aktar u jitolbu attenzjoni kbira:

1) "Id-diskussjoni tal-letteratura hi aspett nieqes ħafna";
2) "Tkun ħaġa tajba li l-istudenti jiddiskutu lill-awturi, ifittxu t-tifsiriet moħbija tal-kitba tiegħu u jaslu għall-għarfien tal-personalità letterarja tiegħu billi jkunu stħarrġu tajjeb mhux biss il-fehmiet tiegħu iżda wkoll, jew aktar, il-mezzi lingwistiċi li jkun inqeda bihom fil-kitba ta' poeżija, rumanz jew dramm";
3) "L-organizzazzjoni tal-komponiment letterarju hu wkoll aspett nieqes ħafna";
4) "L-istudenti jridu jkunu mfakkra ... li l-kotba, li huma ftit, qegħdin fis-sillabu għal studju dettaljat ħafna u li għandhom ikunu jafu bir-reqqa x-xejriet kollha li hemm fihom";
5) "Huwa nieqes ħafna l-għarfien tal-forom letterarji l-iżjed elementari li ħadd ma jista' jkun sajjem minnhom..."
6) "L-ortografija anki fit-tweġibiet ta' mistoqsijiet letterarji hi normalment ħażina ħafna u hi dejjem wieħed mill-elementi li jtellfu ħafna marki";
7) "Nissuġġerixxu lill-għalliema li jfissru sewwa l-kummenti tagħhom lill-istudenti u, jekk ituhom xi noti, dawn ikunu biss punti qosra li jfakkruhom f'dak li ġie spjegat u diskuss fil-klassi u ma jkollhomx forma ta' *essay* li jista' jiġi studjat bl-amment u bħal pappagall";
8) "L-istudent għandu jkun mgħallem jifhem sewwa xi jrid minnu l-eżaminatur li jwieġeb għat-ton, bla tul żejjed u dejjem b'riferenza għat-test";
9) "... il-kandidati *ma jafu xejn* dwar il-kritika letterarja..."

Ma' dawn kollha jidhrilna li għandna nżidu oħrajn, aktar fundamentali għat-*tagħlim b'suċċess* ta' lsienna, u mbagħad għal riżultati tajbin fl-eżami:

1) Laqgħat spissi, ta' l-anqas waħda kull sena, bejn l-għalliema, l-eżaminaturi u d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jiddiskutu flimkien il-karti ta' l-eżamijiet li jkunu ħarġu u s-sillabi l-ġodda. Laqgħa bħal din ilha ma ssir ma' l-għalliema mill-1978!
2) Iridu jingħataw direttivi ċari u dettaljati lill-eżaminaturi fuq sistema *uniformi* ta' l-immarkar tal-karti ta' l-eżami. Kemm l-għalliema kif ukoll l-istudenti bejniethom jistgħu jixhdu li ċerti studenti ma ngħatawx il marki mistħoqqa.
3) L-eżaminaturi jmisshom joħorġu mudelli ta' kif jippretendu li l-istudenti jwieġbu fl-eżami. Il-qawl Malti "Mitt bniedem mitt fehma" igħodd għall-eżami tal-Malti, u f'dan l-eżami kien hemm 'il fuq minn tmien mija!
4) Ċerta ko-ordinazzjoni aħna l-għalliema nippretenduha mill-eżaminaturi. Ngħidu aħna, fl-"Istruzzjonijiet u Mudell ta' Karti għall-Eżami tal-Malti Matrikola Ordinarja u Matrikola Avanzata" maħruġ mid-Dipartiment tal-Malti fl-1978, il-vokali tal-leħen ta' l-artiklu ma titwaqqax wara l-punteġġatura, eż. "l-għażla tal-vokabolarju, il-grammatika..." (paġ. 2) filwaqt li f'dan ir-rapport li kkummentajna fuqu aħna ta' l-eżami ta' Novembru/Diċembru, 1982, din il-vokali tal-leħen titwaqqa', eż. "Din id-darba, n-numru tal-kandidati ..." u "F'età hekk żgħira, l-kandidati ma jistgħux..." (paġ. 1). Liema hi t-tajba?

## Ir-Rapport fuq il-Livell Avvanzat

kummenti minn Salvu Seisun

Huwa sinifikattiv il-fatt li tul ir-rapport kollu li jkopri ż-żewġ karti hemm aċċenn qawwi fuq il-livell fqir tal-ortografija. Wieħed ma jifhmix kif, wara tant snin ta' studju fil-lingwa Maltija, isiru tant żbalji serji u daqstant ieħor elementari fir-regoli grammatikali u fl-espressjoni idjomatika Maltija. Skond ir-rapport, dan huwa ġej min-nuqqas ta' qari u "taħdit xieraq tal-lingwa".

Ħarsu sewwa lejn din it-tabella:

| Il-Grad | Kandidati bil-Grad | Persentaġġ tal-Kandidati kollha | Persentaġġ ta' li għaddew |
|---|---|---|---|
| A | 2 | 0.72 | 0.90 |
| B | 22 | 7.89 | 9.90 |
| Ċ | 79 | 28.32 | 35.58 |
| D | 90 | 32.26 | 40.54 |
| E | 29 | 10.39 | 13.06 |
| F | 57 | 20.43 | 100.000 |
| Total | 279 | 100.000 | |

**L-Ewwel Karta**

Dwar il-komponiment ir-Rapport jirreferi għall-mod kif l-istudenti juru nuqqas fit-temi argumentattivi għax ħafna minnhom "għadhom m'humiex tal-livell mixtieq". Barra dan l-istudenti għandhom tendenza li jiktbu dwar tema argumentattiva bi stil narrattiv. Nuqqas ieħor jirriżulta mill-"influwenza barranija" li qed toħloq problemi sintattiċi, morfoloġiċi u fonoloġiċi.

Mill-banda l-oħra fit-traduzzjoni l-istudent qed juri "traskuraġni kbira" u "nuqqas ta' ħsieb". L-istudent jagħmel żball kbir meta fl-aħħar ma jaqrax dak li kiteb għax b'hekk iħalli siltiet mit-traduzzjoni bla sens u b'kostruzzjoni mħawda. Il-Malti użat fit-traduzzjoni huwa x'aktarx dak mitħaddet pubblikament u drabi l-kelma bl-Ingliż ma tkunx tradotta iżda tingħata biss "bixra Maltija".

Fil-mistoqsija dwar il-lingwistika r-Rapport jirreferi għall-fatt li l-istudenti juru li jkunu ppreparati b'"mod sodisfaċenti" iżda jagħmlu l-iżball li ma jweġbux il-mistoqsija sewwa għax jekk jintalab, per eżempju, l-iżvilupp lingwistiku, dan jirrikjedi ħarsa lejn il-lat lessikali u dak grammatikali. Mentri xi wħud mill-istudenti jitkellmu dwar aspett wieħed biss minn dawn. Mill-banda l-oħra xi wħud m'humiex imħarrġa sewwa tant li ma saritx distinzjoni bejn il-kelmiet "analoġija" u "antoloġija".

**It-Tieni Karta**

Barra n-nuqqasijiet li dehru fl-ewwel karta hawn jidher li l-istudent għandu "nuqqas ta' tagħrif kritiku" li tant hu meħtieġ biex jittratta l-mistoqsijiet dwar il-letteratura.

Fit-tweġibiet dwar il-poeżija l-istudenti "urew għarfien superfiċjali u ġenerali wisq" ta' x'inhi l-letteratura u t-teknika meħtieġa għall-analiżi tagħha. Bħala riżultat il-fehmiet ta' l-istudenti m'humiex frott ta' studju kritiku matur iżda x'aktarx ta' impressjonijiet individwali. Dan juri nuqqas ta' qari ta' kull għamla ta' kritika li tista' tgħin biex jinbena sens kritiku.

Għat-taqsima tan-narrattiva r-Rapport igħid li "ħafna studenti taw biss rakkont qasir". Dan huwa l-periklu prinċipali fil-kritika tan-narrattiva għax l-istudent, li jidher li m'għandux l-għodda ta' kritika letterarja, ftit li xejn igħaddi "kummenti oriġinali jew personali". l-eżaminaturi kkummentaw ukoll li l-istudenti jidhru li jkunu studjaw xi noti u jirriproduċuhom mingħajr ma jifhmu x'qegħdin jiktbu.

Iżda l-aħħar mistoqsija, jiġifieri dik ta' kritika letterarja ta' test, turi bi sħiħ id-defiċjenza tal-istudent Malti. Tant hu hekk li fir-Rapport inkiteb li "l-kandidati wrew livell baxx tassew fil-kritika letterarja". Ħafna għamlu sempliċement parafrasi jew taw "il-ħsieb tal-poeta" mingħajr l-ebda interpretazzjoni. Għalkemm xi studenti għamlu referenza għal xi elementi prosodiċi, ħafna oħrajn urew li għandhom nuqqas serju ta' għarfien ta' l-għodod tal-prosodija. Bħala eżempju ngħataw, fost oħrajn: *dan hu sunett Miltjon, Ġorġ Pisani kiteb dan is-sunett Petrasknana, paragrafu* minflok *strofa, sentenzi* minflok *versi*. Jidher ukoll li xi noti li l-istudenti tgħallmu bl-amment tnižżlu mingħajr ma kellhom x'jaqsmu mal-mistoqsija.

Ir-Rapport jagħlaq billi jissuġġerixxi li livell deċenti "jintlaħaq biss jekk l-istudenti jifhmu li l-letteratura... titlob stħarriġ dettaljat partikulari, u mhux impressjonijiet ħfief u ġenerali".

**Kritika Letterarja**
**Livell Ordinarju:**

## IL-MEWT TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

X'tiswa l-ħxuna tal-għadam,
x'jiswa tal-ġilda l-ġmiel,
jekk balla żgħira, dudu rqiq jeqridhom?
Il-ġir ta' ġismek tieklu
is-siġra taċ-ċipress,
mill-warda ta' ħaddejk trejjaħ l-intiena.
Għax-xjuħ m'hemmx ħlief il-qabar,
għamara ta' mistrieħ,
is-sinsl'għajjiena ddur lejn l-art ħanina.
Iż-żgħażagħ, ħarsthom fl-għoli,
ħlief ħajja ma jarawx;
il-mewt inkiss inkiss tiġi minn wara.

Marċell Mizzi

(i) Il-poeżija tittratta dwar kemm il-mewt hija imprevedibbli, jew kif 'Mewt u xita Alla jaf meta'. Mizzi jagħmel kuntrast bejn ix-xjuħ, li l-mewt qed jistennewha bir-rassenjazzjoni, u ż-żgħażagħ li waqt li joħolmu proġetti ġodda u tamiet sbieħ għall-ġejjieni, huma mhedda mill-mewt xejn inqas minnhom. Meta l-mewt tiġi fuqhom, tiġi bil-ħasda, u jispiċċaw ħesrem is-saħħa tal-ġuvni u l-ġmiel tat-tfajla.

(ii) (a) *il-ġir ta' ġismek:* l-għadam tal-ġisem huwa magħmul l-aktar mill-'ġir' (*calcium*) – l-għadam fil-poeżija qed jissimbolizza s-saħħa taż-żagħżugħ, l-aktar maskili.

(b) *dudu rqiq:* hija metafora għal 'mikrobu'. Il-mewt taż-żgħażagħ tiġri l-aktar fil-gwerra ('balla żgħira') jew bil-mard ('dudu rqiq') li joqtol qasir il-għomor.

(ċ) *mill-warda ta' ħaddejk trejjaħ l-intiena:* hawn għandna logħba ("pun") biż-żewġ tifsiriet tal-kelma 'warda' (="rose"/"rosy cheek"). Waqt li mill-*warda* ("rose") nistennew il-fwieħa, fil-mewt taż-żagħżugħa mill-*warda* ("rosy cheek") toħroġ riħa tinten.

(d) *is-sinsl'għajjiena ddur lejn l-art ħanina:* ix-xjuħ meta jikbru aktarx jitgħawġu. Fl-immaġinazzjoni tal-poeta, is-sinsla tad-dahar, li nibtet mill-art, meta tegħja terġa' ddur lejn l-art, 'ħanina' għax terġa' tilqa' lix-xiħ fi ħdanha u sserrħu mit-tbatijiet tiegħu. (Hawn għandna l-motiv komuni tar-ritorn lejn l-Art ommna).

(e) *il-mewt inkiss inkiss tiġi minn wara:* tiġi għal għarrieda, bla ma tkun tistennieha. Din hija personifikazzjoni tal-mewt li, donnha apposta, tiġi minn wara biex taħsad u taħtaf liż-żagħżugħ fl-aqwa ta' ħajtu, meta lanqas ikun jistennieha.

(iii) Xi elementi poetiċi barra dawk imsemmija fi (ii) huma dawn:

Il-poeżija hija magħmula minn serje ta' versi qosra li joħorġu bħal ħsibijiet distakkati wieħed mill-ieħor, li jibbilanċjaw lil xulxin. L-istil għalhekk hu epigrammatiku u inċiżiv.

Il-lessiku magħżul apposta biex ikompli juri lill-qarrej l-assurdità imma wkoll ir-realtà tas-sitwazzjoni permezz ta' kuntrasti (eż. "ħxuna/balla żgħira, dudu rqiq"; "ġir/tieklu; warda/ntiena"; "m'hemmx ħlief il-qabar/ħlief ħajja ma jarawx", eċċ.)

Dwar il-metrika, għalkemm il-poeżija mhix ta' xi ġeneru partikolari, imma hija magħmula minn erba' terzini regolari, u kull terżina fiha vers tas-sebgħa wati, vers tas-sebgħa tronk u vers tal-ħdax wati. Fl-ewwel u fl-aħħar strofa, dan il-vers twil fl-aħħar jintuża b'mod effettiv ħafna biex jikxef ir-realtà kiefra ta' sitwazzjoni li fil-versi l-qosra tidher xort'oħra.

**Manwel Mifsud**

٣.٣ — شُجَاع — شَخْص — شِرَار — شَرِبَ — شَرَحَ — شَرَعَ — شَارِع — شَرْق — شَعْر — شَاعِر

٤.٣ — شَقَاء — شَاوَرَ — شُرُوق — صَبَاح — صَبْر — صَاحِب — صَحْرَاء — صُدَاع — صَدَق — صِرْف

٥.٣ — صَعْب — صَافَحَ — صَفَحَات — صِفْر — صَفَاء — صَقْر — صَوْت — صُوف — صَاد — صَائِد

٦.٣ — طَبَخَ — طَابِق — أَطْرَش — طُرُق — طَاوُوس — ظَرْف — عَبَرَات — عَاتِق — عَجُوز — عَدَد

٧.٣ — عَذَاب — عَرَب — أَعْرَج — عَرُوس — عُرْش — عَرَفَ — عَرَق — أَعْزَب — عَضَدَ — عَاطِشَ

٨.٣— عُقَاب — عِقْد — أَعْوَج — أَعَارَ — عَاشَ — غَدَرَ — غَرْب — غُرَف — غَرِق — غَضِبَ

٩.٣ — غَفَرَ — غَاصَ — فَأْس — فَتَحَ — فَاتِل — فَجْذ — فَرَج — فَرَشَ — فُطُور — فُقْر

١٠.٣— فَارِغ — فَزِعَ — قَبْرُ — قَبض — قَذْر — قِرْد — أَقْرَع — قَصْد — قَطَعَ — قَفز

**الشتاء**

**تمارين لتعليم النحو والصرف (١)**

**جيسيو زارب**

**جورج مفصو**

١.٢ — بَاب — بَابَا — بَتَرَ — بَدَأ — بَذْر — بَرَأ — بُرْد — بَرْد — بُرُود — بَارِز

٢.٢ — تَابَ — تُوت — بَار — بَحَثَ — بَحْر — بَخْت — تُرَاب — بَادَار — بَدْو — بَرْبَر

٣.٢ — أَبْرَأَ — بُرْج — بَارِز — تَاجِر — تَحْتَ — تَاج — ثَابِت — ثَوْب — ثَار — أَثْوَار

٤.٢ — جَبَرَ — جِدَار — جُرَابَات — جَرْح — جُزْء — جُزُر — أَجَابَ — جَوَاد — جَار — جَائِز

٥.٢ — حَرْب — جَاء — حِبْر — حَجَب — حَاجِب — حَجَر — أَحْدَب — حَدَثَ — جَوَاب — حَارَبَ

٦.٢ — حَرَثَ — حِزْب — حَاجَات — حَاز — خَبَأ — أَخْبَار — خُبْز — تَحَادَثَ — خَرَبَ — خَرَجَ

٧.٢ — أَذْبَاب — ذِئَاب — ذُبَاب — رَبِحَ — رَاتِب — أَرْجَأَ — تَرْحَاب — رَحَلَ — زَائِر — أَحْزَاب

٨.٢ — أَبَاحَ — تَابُوت — ثَبُتَ — جَدَث — جَاب — جَزَرَ — جَاوَرَ — أَحْزَاب — جَرْو — جَوْر

٩.٢ — تَنَاوَبَ — ثَبَرَ — أَرْبَاح — جُدْجُد — حِجَاج — جَوْد — حَرِج — أَحْوَج — حَاوَرَ — جَاز

١٠.٢ — تَجَرَ — ثَأَرَ — جُرَذ — حَرَزَ — ذَوْد — زُبْد — خَابَرَ — خَبَزَ — حَرَاج — جُوب

١.٣ — سَبَب — سَبْت — سَبَحَ — سَبْع — سَتَر — سِتَار — سَحَاب — أَسْرَار — سَطْح — سَاعَدَ

٢.٣ — سِعْر — سَافَرَ — سَقْف — أُسْقُف — سَاق — سَائِح — شَبِع — شَبَاب — شِتَاء — شَجَر

## تمارين القراءة (١)

# بقلم جورج مفصود

اقرأ ما يأتي بصوت مرتفع :

١.١ ــ إِنْ ــ أَوْ ــ وَاد ــ دَوَاء ــ أَدَب ــ أَذِن ــ أُذُن ــ أَرْض ــ دَار ــ دَرْب

١.٢ ــ ذَاب ــ ذَاق ــ ذَاك ــ ذِرَاع ــ رَأْس ــ أَرْسَلَ ــ رُوح ــ أَرَادَ ــ زَرَعَ ــ زَوْج

١.٣ ــ زَار ــ زَاد ــ وَاد ــ وَرَاءَ ــ وَرَثَ ــ إِرْث ــ وَرَق ــ وَزَنَ ــ وَزْن ــ وَال

١.٤ ــ أَب ــ أَخ ــ أَزَلَ ــ أَزْرَق ــ رَأْي ــ دَرَجَ ــ دَرْس ــ دَرَزَ ــ دَارِج ــ دَوْر

١.٥ ــ دَرَجَ ــ دُور ــ دَاء ــ دُوق ــ دُرُوس ــ دَالَ ــ ذَود ــ رَدَعَ ــ رَدِفَ ــ رَدَنَ

١.٦ ــ رَذُل ــ رَزَح ــ رَاق ــ رَوْث ــ رَاج ــ دُرج ــ رَود ــ رَوَع ــ أَرَاقَ ــ رَوِيَ

١.٧ ــ زَرَدَ ــ زَرَعَ ــ زَوَاج ــ زَاج ــ زَار ــ زَاوَل ــ زَاغ ــ وَدُع ــ وَرَع ــ وَرْد

١.٨ ــ وِرْك ــ وِزْر ــ إِذَن ــ دَارُهُ ــ رَاوَدَ ــ رِث ــ أَمْ ــ أَوْ ــ وَرِعَ ــ وَارِدَات

١.٩ ــ رَاح ــ وَرَم ــ دُود ــ إِذَن ــ أُوَار ــ أَزْوَاج ــ أَزَال ــ رَاد ــ أَذْؤُب ــ رُؤُوس

١.١٠ ــ دَوَاء ــ أَرَادَ ــ وَرَاءَ ــ أَزْرَاق ــ دُرُوس ــ رَوِيَ ــ زَاوَل ــ أَذْؤُب ــ وَارِدَات ــ وُزَرَاء

# *Profil:* Gużè Delia, S.J.
## (1900 – 1980)

ĠORĠ MIFSUD

Twieled is-Siġġiewi fl-1 ta' April, 1900 u miet fid-29 ta' Settembru, 1980. Missieru kien jismu Franġisku u ommu Ġużeppina mwielda Camilleri. Studja fl-Iskola Primarja tal-Gvern (1906 – 10) u l-Kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara (1910 – 17). Għadda mill-eżamijiet tal-Matrikola fl-istess sena, daħal Ġiżwita f'Diċembru, 1917 u studja għan-Novizzjat u l-Filosofija Bagheria – Palermo u Granada – Spanja (1919 – 22). Għallem il-Kulleġġ San Alwiġi (1923 – 27) u mbagħad temm il-Kors tat-Teoloġija Dublin – l-Irlanda (1927 – 31). Qabel temm dan il-kors ordna qassis l-Irlanda f'Lulju, 1930.

Wara sena ta' studju Ruma (1931 – 32) reġa' lura Malta. Dam sentejn Ministru tad-Dixxiplina fl-istess Kulleġġ u mbagħad inħatat rettur għal tlettax-il sena sħaħ (1934 – 47). Kien f'dan iż-żmien iebes tal-Gwerra li Delia ħadem ħafna għall-Kumpanija tal-Ġiżwiti, biex imbagħad għall-ħila li wera laħaq l-ewwel Provinċjal tal-Provinċja ġdida tal-Ġiżwiti Maltin (1947 – 53). Bil-ħaqq kollu jibqa' magħruf bħala Missier il-Provinċja Ġiżwita Maltija.

Fost karigi oħra li kellu ta' min isemmi: għalliem tal-Malti u tal-Latin (1934 – 45) San Alwiġi, u fin-Novizzjat tan-Naxxar u fl-istess Kulleġġ (1953 – 56), Rettur ta' Loyola House, in-Naxxar (1956 – 62), Superjur tad-Dar San Filippu, l-Isla (1962 – 66, 1970 – 71), Direttur Spiritwali Mount St. Joseph, il-Mosta (1967 – 69), Direttur Spiritwali San Filippu (1971 – 79) u l-aħħar xhur ta' ħajtu għaddiehom In-Naxxar. Għal ħafna snin kien Direttur Spiritwali tal-M.U.T. u r-rappreżentant tal-Arċisqof fil-Bord tal-Edukazzjoni.

Kien ilu jikteb bil-Malti mill-1922 u bil-mod il-mod beda jsir magħruf mal-qarrejja tal-Malti għall-poeżiji tiegħu stil mistiku, patrijottiku u reliġjuż. Madankollu, l-isem tiegħu jibqa' marbut l-aktar għas-sbatax-il leġġenda fl-antoloġija *Il-Leġġenda ta' Ġużà Delia, S.J.* (1980) imqegħdin kollha f'ordni kronoloġiku kif xtaq Delia nnifsu. L-ewwel waħda nkitbet fl-erbgħinijiet u l-aħħar waħda fl-1979. Dam għal ħafna snin imsieħeb fl-Akkademja tal-Malti.

Barra l-poeżiji li kiteb bil-Grieg Klassiku, bil-Latin u bl-Ispanjol, Delia jibqa' magħruf bħala wieħed mill-aqwa predikaturi u kittieba spiritwali. Tul ħajtu kemm-il darba kien iħobb jiftakar fl-esperjenzi li kellu mal-baħrin Spanjoli. Qabel miet kien għadu qed jikteb ktieb ieħor ta' meditazzjonijiet reliġjużi.

*Publikazzjonijiet: Kristu Re* (1950); *Leġġendi* (5es edizz.: 1958, 1964, 1966, 1978, 1980); *Meta Toħlom il-Qalb* (1962); *Ġesù Qed Iħabbat* (2ni edizz.: 1963, 1976); *Nimxu Wara Ġesù* (1966); *Il-Ħabib tar-Ruħ* (1969); *Mill-Ilma tal-Ħajja* (1973); *Frak tad-Deheb* (1975); *Ġesù u Jien* (1978); *Qawmien u Ħajja* (1979).

### L-ASPETT PEDAGOĊIKU U FOLKLORISTIKU TAL-LEĠĠENDA

Il-leġġendi ta' Ġużè Delia, S.J. saru wieħed mill-ftit klassiċi li għandha l-letteratura Maltija. Il-gost tagħhom mhuwiex qiegħed fl-oriġinalità tar-rakkont, imma fl-istil poetiku tal-verżjoni rrakkontata u fil-proċess metriku minn att wieħed tal-leġġenda għal ieħor u li s'issa ħadd għadu ma wasal għalihom hawn Malta f'dan il-ġeneru letterarju.

B'hekk, Delia ma jara xejn ħażin meta jaqbad leġġenda letterarja jew folkloristika u jaħdimha bil-metrika tiegħu. Bħan-novellistika popolari, imnejn ħarġu l-biċċa l-kbira tal-leġġendi, il-bidu tal-plott (l-"Urform") jista' jkun imbiegħed iż-żmien taż-żminijiet, imma t-tixrid tagħha minn pajjiż għal ieħor bis-saħħa tal-fomm jew tal-kitba mhux lakemm twaqqfu jew tbarrih. Il-funzjoni ta' Delia, għalhekk, bħala "il-poeta tal-leġġendi" titfagħna lura 'l bogħod fis-snin u fl-istess ħin torbotna mal-ħajja ta' llum – għax il-bniedem minn dejjem kien u jibqa' jieħu gost fl-estetika ta' l-irrakkontar.

Leġġenda mhijiex ħrafa kif mingħalihom xi wħud. Fil-leġġenda dejjem ikun hemm xi ħaġa li seħħet jew li n-nies jemmnuha li ġrat tabilħaqq. Dejjem ikun hemm rabta qawwija mar reliġjon u/jew ma' post wieħed. L-ambjent u/jew il-karattri dejjem ikollhom mill-ħajja ta' kuljum, bi storja ħafifa u b'motivi mill-inqas. Mhux hekk il-ħrafa li kollox jista' jseħħ fiha f'dinja ta' sħaħar u tas-seħer li ma nafux biha, fiha kollox jista' jiġri



Delia fl-uffiċċju tiegħu fil-Kulleġġ San Alwiġi.

b'karattri mhux individwalizzati għall-aħħar u bi storja twila u mħawra sew fil-motivi tagħha, bħalma hi "Is-Siġra" miġbura minn Patri Manwel Magri, S.J.[2] F'dan il-kuntest, "Il-Leġġenda ta' San Ġużepp" tibqa' l-aħjar waħda fil-leġġenda leterarja.

Il-leġġendi ta' Delia teknikament jagħmlu mal-"leġġendi reliġjużi", marbutin ma' xi qaddisin jew ma' xi persunaġġi oħra qaddisa, bħal San Ġużepp, il-Madonna, San Dimitri u San Nikola. U Delia jirrakkontahom minħabba l-virtujiet tagħhom u li ta' min jimitahom:

"L-iktar li tħajjart nissokta nikteb il-leġġendi, mhux biss għax sibthom u swewli dejjem bħala mistrieħ tal-moħħ, imma l-iktar għax rajt li jistgħu jkunu ta' fejda u ta' ġid għal kulħadd. Għax il-leġġendi bħall-parabbli, dejjem issib xi ħaġa x'titgħallem minnhom ... Nittama li barra l-gost letterarju li jgħtu dawn il-leġġendi, ikunu jistgħu jiswew ukoll ta' tagħlim għal kulħadd u ta' għajnuna biex wieħed iħobb 'l Alla u lil għajrna."[3]

Jidher ċar li l-għan ewlieni ta' Delia huwa pedagoġiku. Is-siwi letterarju, għax il-folkloristiku ma jsemmihx, jiġi wara. B'hekk, "Il-Leġġenda ta' San Ġużepp" l-aktar li toqrob lejn il-"heiligenlegenda" ta' Ludwig Zoepf għax jidħol ħafna l-meraviljuż; il-"Leġġenda Irlandiża" tagħmel mal-leġġendi storiċi u lokali; "Il-Leġġenda tax-Xadini" toqgħod sewwa mal-analoġiżmu antropomorfizzanti tal-ħrafa ta' l-annimali għall-mono-episodju li fiha u għax ix-xadini ma jiħdux sehem rejalistiku imma jopraw u jitkellmu bħalna l-bnedmin kieku aħna konna minflokhom; u, "Il-Leġġenda tal Palma tax Xagħri" tidħol mal-"pflanzensagen".

Dan kollu jwettaq il-fehma tiegħi li, għalkemm is-siwi folkloristiku jiġi wara l-ħsieb pedagoġiku u l-appell letterarju, mhux ta' min iħalli għaddejjin ħafna karatteristiċi ta' l-arti folkloristika fil-karattri, fil-plott u fid-deskrizzjonijiet. Il-plott tal-leġġenda joħloqha l-poplu,[4] u Delia jibqa' dejjem fidil għall-binja li jagħtiha l-poplu kif hu qraha **u mhux semagħha.**[5] Għalhekk, huwa sewwa sew fil-karattri u fid-deskrizzjonijiet li r-ruħ tal-poeta setgħet timraħ min-naħa letterarja.

## IL-KARATTRI

Il-karattri l-aqwa għodda f'idejn Delia biex jasal għat-tagħlima tiegħu. Il-karattru ewlieni jwettaq min-naħa pożittiva jew negattiva kulma għandu f'rasu l-awtur, u fil-ħsieb tiegħu jiġi bla siwi jekk ineħħih mis-sisien pedagoġiċi li jrid jagħtih. Ara, ngħidu aħna, San Ġużepp, Patri Xmun, ix-xitan Brejbes, Ineż u Juan, Sor Delin u s-Sultan Kburi. Għalhekk, il-karattri, leġġendarji kemm tridhom, huma sekondarji fl-importanza tagħhom fil-leġġenda ta' Delia. Dan joħloq **kuntrast fit-teknika** u **paralleliżmu fl-iskop** mal-leġġendi popolari.

Delia ħa mill-folklor Malti u barrani l-leġġendi li għandu mnejn ilhom jeżistu tgħidx kemm biex titfisser xi ħaġa, bħall-għala l-Madonna l-Purtinara jsejħulha hekk, u poġġielhom tagħlima fil-bidu, ġie li wkoll fin-nofs u l-biċċa l-kbira fit-tmiem ukoll. Imma fil-folklor mhux hekk. L-ewwel tiġi l-ġrajja, u mbagħad it-tagħlima xotta xotta; għax għan-narratur popolari l-istorja hi biżżejjed ma' l-interpretazzjoni orali tiegħu biex jifhmuh, u kulma jgħid, igħidu għall-gost biex it-tagħlima toħroġ weħidha minn ġewwa għal barra – mhux il-kontra kif x'aktarx dejjem insibu f'Delia. Mela, Delia jisħaq ħafna fuq it-tagħlima, imma n-narratur popolari fuq l-istorja.[6]

Il-poplu ħoloq leġġendi biex ifisser xi ħaġa għalih innifsu u għal ta' warajh. Hekk, ngħidu aħna, ir-rifsa taż-żiemel ħdejn il-kappella ta' San Dimitri[7] ma tistax ma tkunx ħlief iż-żiemel li nqala' mill-inkwatru biex isalva iben l-armla. Id-dawl li l-bugħaddasa jaraw f'qiegħ il-baħar hu l-qasba żejt li Żgugina wiegħdet lill-qaddis. Delia wkoll irid ifisser xi ħaġa, iżda din id-darba l-ħsieb huwa pedagoġiku u mhux etjoloġiku, għalkemm dan ġie li jidħol ukoll, bħal fil-''Leġġenda tal-Pettiross''. Mela, f'dan il-paralleliżmu Delia jingħażel għalih ukoll.

Id-differenza bejn l-għan etjoloġiku fil-leġġendi popolari u l-għan didattiku fil-leġġendi letterarji ta' Delia tidher l-aktar fil-''Leġġenda tal-Wied ta' l-Isperanza''. It-test popolari jgħidlek biss li s-Santwarju nbena lill-Madonna talli ħennet għal xebba fil-periklu li titlef ħajjitha – għal-hekk ''ta' l-Isperanza''. Delia jimxi iktar minn hekk: jisħaq ħafna fuq dak ll n-narratur popolari ma jsemmihx għax hu u l-udjenza jemmnu fih, jiġifieri li l-Madonna tgħinna dejjem fil-waqt tat-tiġrib u għalhekk imissna nitolbuha.

Din il-ġrajja hi xhieda oħra tal-ħniena
Li Marija minn dejjem uriet
Ma' dawk kollha li dejjem sejħulha,
B'fidi kbira u mħabba ta' wlied.[8]

Din l-emfasi terġa' tinħass fil-''Leġġenda ta' l-Ilma tal-Ħniena'' u fil-''Leġġenda tax-Xadini''. Fl-ewwel waħda, ngħidu aħna, hemm ''ix-xiħ twajjeb bil-leħja'', ''rwejħa mis-sema,[9] li jgħallem lil Tereża biex tistabar, igħidilha fejn għandha tmur issib l-ilma u fl-aħħar iwissha:

Qalb kbira li tagħti
Tfur dejjem bil-ġid
Għax fiha hemm il-barka,
Li tkattar u żżid . . .
Qis dejjem tkun lesta
Biex tħenn u biex tagħti,
Qatt tiċħad it-talba
Ta' qalb li qed tbati . . .[10]

Il-karattri sekondarji jirfdu jew iwasslu għat-tagħlima, għax il-bqija jiġu bla siwi. Għafrid u Germud fil-''Leġġenda ta' Brejbes'' ippretendew ħafna mingħand Luċifru, iżda ma ħadu xejn.[11] Brejbes stenna li jlaqqatha fuq rasu, tkellem bl-umiltà kollha ta' xitan u ħa l-premju. B'hekk, tiġi effettiva l-ferħa ta' Luċifru u toħroġ qawwija t-tagħlima ta' Delia.[12]



Delia fil-kamra tiegħu f'Dar San Filippu fl-1977.

## NOTI

1. Minn *Il-Leġġendi ta' Ġużè Delia, S.J.* (5 es edizz;, 1980), 3 – 9.
2. Magri, S.J., Manwel, *Ħrejjef Missirijietna* (Moghdija taż-Żmien, Nru, 38), 1904, paġ 52ff.
3. ''Kelmtejn ta' l-Awtur'', *Leġġendi*, 2nd edizz., 1964, paġ. 7.
4. Bil-kelma ''poplu'' ma nifhimx il-poplu Malti biss. Delia nnifsu jistqarr li kien ispirat minn għadd ġmielu ta' kittieba barranin u Maltin, bħal Alfonso Rodriguez, Josè Zorilla, Longfellow, Stocchiero u Farini. Fuq hekk, ara, *Leġġendi* 2ni edizz., paġ. 6 u Mifsud, Ġorġ, ''Intervista fuq l-Ispirazzjoni tal-Leġġendi tal-Patri Ġużè Delia, S.J.'' *Il-Mument* (27.4.1980).

Mis-sbatax-il leġġenda, tnejn biss huma Maltin: ''Il-Leġġenda ta' San Dimitri'' u ''Il-Leġġenda tal-Wied ta' l-Isperanza''. Dawn Delia bniehom fuq it-trattamenti letterarji ta' Aldo Farini; fuq hekk, ara l-volumi tiegħu *Fiabe, tradizione e leggende maltese* (1934 – 36). I 203ff., III 97ff. Il-lokalizzazzjoni Maltija, imbagħad, fl-oħrajn tidher l-aktar fil-''Leġġenda ta' San Nikola'' u fil-''Leġġenda tal-Madonna ta' Caraffa''.

5. Milli stqarrli Delia nnifsu, ''Il-Leġġenda ta' San Ġużepp'' biss tagħmel għal kollox mal-proċess orali fil-folklor minħabba l-influwenza diretta ta' zijuh Ninu Delia (1870 – 1975), li kiteb xi versi bil-Malti. Fuq hekk, ara, Vassallo, Karmenu, *Vatum Consortium jew il-Poeżija bil-Malti* (1968), paġ. 281 – 282 u Mifsud, Ġorġ, *op. cit.*

Għal xi kummenti komparattivi fuq ''Il-Leġġenda ta' San Ġużepp'', ara, Cremona, Antonio, ''Le relazioni etnografiche del folklore narrativo e legendario delle Isole di Malta.'' *Maltese Folklore Review* I iii (1966), paġ. 261 u Mifsud, Ġorġ, *Type-Index of the Maltese Folktale within the Mediterranean Tradition Area* (Teżi għall-grad ta' M.A. – Università ta' Malta, 1978), paġ. vi.

6. ''Leġġenda Iralndiża'' u ''Il-Leġġenda tal-Palma tax-Xagħri'' neqsin sew mit-trattament pedagoġiku; l-istess irid jingħad għal kif tiftaħ ''Il-Leġġenda tax-Xadini''.
7. Mhuwiex il-ħsieb tiegħi li nidħol fit-teknikalitajiet tal-katalogar tal-letteratura orali f'dan l-istudju. Dan ix-xogħol sar b'reqqa kbira min Marlene Mifsud fit-teżi tagħha *Motif-Index of the Maltese Folktale* fuq il-katalgu tal-Amerikan Stith Thompson.
8. ''Il-Leġġenda tal-Wied ta' l-Isperanza,'' paġ. 48.
9. ''Il-Leġġenda ta' l-Ilma tal-Ħniena'', paġ 26, 27
10. *Ibid.*, paġ. 27.
11. ''Il-Leġġenda ta' Brejbes'', paġ. 21ff.
12. *Ibid.*, paġ. 22 – 23.

ikompli f'ħarġa oħra